



## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1959

tas-17 ta' Lulju 2024

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-eritritol li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (¹) ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħi,

Wara li kkonsultat mal-Istati Membri,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Bidu

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping firrigward tal-importazzjonijiet tal-eritritol li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-RPĊ") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (²) ("in-Notifika tal-Bidu").
- (2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2023 minn Jungbunzlauer S.A. ("l-ilmentatur"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-eritritol fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

#### 1.2. Reġistrazzjoni

- (3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1608 (³) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

#### 1.3. Partijiet interessati

- (4) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufa, lin-negozjanti u lill-utenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.
- (5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitkolbu seduta ta' smiġi mal-Kummissjoni u/jew mal-Ufficijal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

#### 1.4. Kummenti dwar il-bidu

- (6) Wara l-bidu, il-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importaturi u Esportaturi tal-Metalli, Minerali u Kimiċi ("CCCMC", China Chamber of Commerce of Metals, Minerals and Chemical Importers and Exporters), organizazzjoni mogħtija s-setgħa minn erba' produtturi esportaturi (⁴) biex tirrapreżentahom f'din l-investigazzjoni dwar l-aspetti tad-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni tal-investigazzjoni, issottomettiet kummenti relatati mal-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni, dwar id-dannu materjali, dwar il-kawżalità u dwar l-interess tal-Unjoni.

(¹) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(²) ĠU C, C/2023/1020, 21.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1020/oj>.

(³) Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1608 tal-5 ta' Ġunju 2024 li jagħmel l-importazzjonijiet tal-eritritol li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2024/1608, 6.6.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2024/1608/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1608/oj)).

(⁴) Baoliba Biology Co., Ltd., Dongxiao Biotechnology Co., Ltd., Sanyuan Biotechnology Co., Ltd u Yusweet Co., Ltd.

- (7) Is-CCCMC affermat li l-ilmentatur ma ppreżentax informazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku u li l-Kummissjoni naqset milli tirrieżamina kif xieraq l-informazzjoni fl-ilment kif meħtieġ mill-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku.
- (8) B'mod partikolari, is-CCCMC sostniet li l-ilmentatur naqas milli jindirizza sew il-produttività, il-pagi lill-personal, u l-fatturi reali li jaffettaww il-prezzijiet. Barra minn hekk, hija argumentat li l-ilment kien parzialment nieqes minn data dwar l-impieg (ma kien hemm l-ebda diżaggiegazzjoni tal-personal amministrativ u l-manodopera diretta fuq il-manifattura tal-erititol), ir-redditu fuq l-investimenti, il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital u l-effett attwali u potenzjali fuq il-fluss tal-flus.
- (9) Fil-bidu, il-Kummissjoni nnotat li hija wettqet l-eżami tagħha tal-ilment fkonformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku u waslet għall-konklużjoni li r-rekiżi għall-bidu ta' investigazzjoni kienu ssodisfati, jiġifieri li kien hemm biżżejjed evidenza sabiex tinbeda l-investigazzjoni.
- (10) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, ilment għandu jinkludi tali informazzjoni li tkun disponibbli b'mod rägonevoli għall-ilmentatur. L-istandard legali ta' evidenza meħtieġ għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni (evidenza "suffiċienti") huwa differenti minn dak li huwa neċċessarju għall-fini ta' determinazzjoni preliminari jew finali tal-eżistenza ta' dumping, ta' dannu jew ta' rabta ta' kawżalitā. Għaldaqstant, evidenza li ma hijex ta' kwantità jew ta' kwalitā suffiċienti sabiex tiġġustifika determinazzjoni preliminari jew finali ta' dumping, ta' dannu jew ta' kawżalitā, xorta waħda tista' tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni <sup>(i)</sup>.
- (11) Il-Kummissjoni nnotat li s-sommarju mhux kunfidenzjali tal-ilment tabilħaqq kien fih il-fatturi u l-indiċijiet rilevanti li għandhom effett fuq l-istat tal-industria, kif meħtieġ mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. Il-fatturi ekonomiċi mniżżala fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku huma msemmija fl-Artikolu 5(2)(d) ta' dak ir-Regolament bħala eżempju ("bħal"). Isegwi li l-Artikolu 5(2) ma jirrikied ix-xebha li l-fatturi ekonomiċi kollha ikunu inklużi fl-istadju tal-ilment. Għalhekk, din l-affermazzjoni kienet risjutata.
- (12) Is-CCMC sosniet ukoll li l-Kummissjoni naqset milli teżamina u tikkunsidra l-isfida magħrufa pubblikament tal-industria tal-Unjoni biex takkwista materja prima u enerġija ewleni fi kwantitatiet għall-produzzjoni bi prezziżi kompetitivi, kif ukoll sejbiet xjentifiċi li x'aktarx jinterferixxu fl-għażiex tal-konsumatur u jibdlu x-xejra tal-konsum fl-UE.
- (13) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-affermazzjoni tas-CCMC tmur lil hinn mir-rekiżi tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku, peress li r-rwol tal-Kummissjoni fl-istadju tal-bidu huwa li teżamina l-akkuratezza u l-adegwatezza tal-evidenza pprovduta fl-ilment biex tiddetermina jekk kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu. Peress li dan tabilħaqq twettaq mill-Kummissjoni, l-affermazzjoni tas-CCMC ġiet miċħuda.
- (14) Fir-rigward tad-distorsjonijiet sinifikanti tas-suq fiċ-Ċina, is-CCMC l-ewwel sostniet li l-ilment kien ibbażat fuq id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2017, li r-rilevanza tiegħi hija dubjuża peress li ġie ppubblifikat madwar 5 snin qabel il-bidu tal-proċedura, u li minħabba li r-rapport tħejja bl-għan specificu li jagħmilha ehhef għall-industriji tal-Unjoni li jressqu talba fil-qasam tal-miżuri kummerċjali, huwa parziali u mhux oġġettiv. It-tieni, is-CCMC sostniet li r-referenzi u l-analoġiji minn investigazzjonijiet oħra ma humiex legalment sodi peress li jikkonsistu f'sostituzzjoni tal-fatti għall-prodott ikkonċernat b'sejbiet ta' prodotti oħra bħall-aċidu ċitriku, l-aċidu sulfaniliku jew il-glutamat tal-monosodju.
- (15) Il-Kummissjoni nnotat li, kif muri fit-taqSIMA 3.2. hawn taħt, il-fatt li d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni nħareġ f'Diċembru 2017 ma jimminax il-valur tiegħi fl-identifikazzjoni tal-fatturi ta' distorsjoni tas-suq li għadhom rilevanti għall-prodott ikkonċernat. Fir-rigward tal-użu tas-sejbiet ta' investigazzjonijiet oħra, għal-darba oħra s-sejbiet dwar swieq relatati mill-qrib jistgħu jkunu rilevanti ħafna għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat fiċ-Ċina, kif muri fit-taqSIMA 3.1. hawn taħt. Għalhekk, dawn l-affermazzjoni tas-CCMC ġew miċħuda.
- (16) Barra minn hekk, is-CCMC affermat li d-dröttiġiet tad-difiża tagħha nkisru serjament minħabba li:
- (i) Il-verżjoni mistuha tal-ilment tittratta l-istatistika dwar il-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjoni bħala kunfidenzjali li tigħi żvelata ffirxiet u indiċċijiet;

<sup>(i)</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ġeneralis tal-11 ta' Lulju 2017, Viraj Profiles Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Kawża T-67/14, ECLI:EU:T:2017:481, para 98.

- (ii) Il-fatturi ta' dannu ma jiġuż żvelati b'mod sinifikanti li jippermetti fehim oġġettiv tad-data sottomessa b'mod künfidenzjali;
  - (iii) L-applikant immarka l-Annessi pertinenti għall-prezzijiet tal-esportazzjoni, bħala mhux suxxettibbli għal sommarju;
  - (iv) L-applikant żamm il-biċċa l-kbira tas-sorsi ta' informazzjoni li fuqhom kien ibbażat l-ilment, prinċipalment in-nuqqas ta' żvelar ta' sorsi ta' data; kif ukoll
  - (v) L-applikant żamm porzjon kbir ta' data kruċjali abbażi ta' kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u minħabba allegata biża' ta' ritaljazzjoni.
- (17) Dwar l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li peress li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti fi produttur wieħed, wieħed jista' jifhem li l-fatturi tad-dannu ngħataw f'firxiet u f'forma indiċizzata fl-ilment. L-eżami tal-allegazzjonijiet tas-CCMC wera li dawn l-indiċijiet u l-firxiet kienu jippermettu fehim tax-xejriet u l-livelli tad-data dwar id-diversi indiċijiet tad-dannu sottomessi mill-applikant b'mod künfidenzjali. Barra minn hekk, firrigward tan-nondivulgazzjoni tas-sorsi, peress li d-data issa hija pprovduta fit-taqSIMA 4.3 hawn taħt, din il-kwistjoni hija rimedjata.
- (18) Kummenti spċifici oħra dwar il-valur normali, id-dannu, il-kawżalitā u l-interess tal-Unjoni li ma kinu marbuta direttament mal-bidu huma ttrattati fit-taqSIMIET rilevanti ta' hawn taħt (it-TaqSIMIET 3, 4 u 5).

### 1.5. Kampjunar

- (19) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

#### *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

- (20) Minħabba l-għadd limitat ta' produtturi tal-Unjoni tal-eritritol, fin-Notifika tal-Bidu l-Kummissjoni ħabbret li kienet se tagħmel il-kwestjonarji disponibbli għall-produttur magħruf tal-Unjoni, jiġifieri Jungbunzlauer S.A. Dan il-produttur tal-Unjoni pprova tweġiba għall-kwestjonarju u l-ebda produttur ieħor tal-Unjoni ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tirrikorri għall-kampjunar.

#### *Kampjunar tal-importaturi*

- (21) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni spċifikata fin-Notifika tal-Bidu.
- (22) Ma kien hemm l-ebda importatur mhux relatat li pprova l-informazzjoni mitluba.

#### *Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

- (23) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar ikunx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ jipprovdu l-informazzjoni spċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (24) Erba' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdex l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun.
- (25) F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għaż-żlet kampjun ta' tliet produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni li seta' jiġi raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli.
- (26) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati u l-awtoritatiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-ġhażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment firrigward tal-kampjun magħżul.

#### 1.6. Eżami individwali

- (27) Produttur esportatur wieħed fir-RPĊ talab eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, dan il-produttur esportatur ma ppresentax tweġiba għall-kwestjonarju lill-Kummissjoni.

#### 1.7. Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika

- (28) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produttur tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fil-kampjun fir-RPĊ, lill-importaturi magħrufa u lill-utenti. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online fil-jum tal-bidu.
- (29) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (“GTĊ”).
- (30) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-uniku produttur tal-Unjoni, tliet produtturi esportaturi Ċiniżi u żewġ utenti. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ.
- (31) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċċesarja għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produttur tal-Unjoni

— Jungbunzlauer S.A., Marckolsheim, Franza

Produtturi esportaturi fir-RPĊ

— Baolingbao Biology Co., Ltd., il-Belt ta' Yucheng, il-Provinċja ta' Shandong  
— Dongxiao Biotechnology Co., Ltd., il-Belt ta' Zhucheng, il-Provinċja ta' Shandong  
— Sanyuan Biotechnology Co., Ltd, il-Belt ta' Binzhou, il-Provinċja ta' Shandong

- (32) Il-Kummissjoni wettqet analiżi dokumentarja tal-informazzjoni sottomessa minn:

Utenti

— Bojati food GmbH, Oyten, il-Ġermanja  
— Rio Mints & Sweeteners BV, Utrecht, in-Netherlands

#### 1.8. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

- (33) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu taħt kunsiderazzjoni”).

### 2. PRODOTT LI QIEGĦED JIĠI INVESTIGAT, PRODOTT IKKONċERNAT U PRODOTT SIMILI

#### 2.1. Prodott li qed jiġi investigat

- (34) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa eritritol, dolċifikant tal-alkoħol taz-zokkor b'erba’ atomi tal-karbonju (poliol) magħmul miz-zokkor jew mill-glukożju, fil-forma pura tiegħu jew li jinsab ftahlit li fihom inqas minn 10 % prodotti oħra skont il-piż (“il-prodott li qed jiġi investigat”).
- (35) In-numru tar-registratu tal-Chemical Abstracts Service (CAS) għall-eritritol fil-forma pura tiegħu huwa 149-32-6.
- (36) L-eritritol huwa dolċifikant naturali mingħajr kaloriji b'indiċi għicemiku ta’ żero. Jintuża prinċipalment bħala sostitut taz-zokkor fil-prodotti tal-ikel u tax-xorb, jew fil-forma pura tiegħu jew imħallat ma’ ingredjenti oħra, bħal pereżempju l-istevja, id-dolċifikant naturali ta’ intensità għolja. Is-segment ewljeni huwa d-dolċifikanti ta’ fuq il-mejda, segwit minn xorb, ħelu, prodotti tal-ħamri, nutrizzjoni tal-isport u kategoriji oħra tal-ikel.

## 2.2. Prodott ikkonċernat

- (37) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott investigat li joriġina mir-RPĊ, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2905 49 00 għall-eritritol fil-forma pura tiegħu u l-kodiċijiet NM ex 2106 90 92 u ex 2106 90 98 għall-prodotti mħallta (il-kodiċijiet TARIC 2905 49 00 15, 2106 90 92 65, u 2106 90 98 15) ("il-prodott ikkonċernat").

## 2.3. Prodott simili

- (38) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;
  - il-prodott li qiegħed jiġi investigat manifatturat u mibjugħi fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; kif ukoll
  - il-prodott li qed jiġi investigat, manifatturat u mibjugħi fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (39) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. DUMPING

### 3.1. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali bis-saħħa tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

- (40) Fid-dawl tal-evidenza suffċienti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.
- (41) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-data meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ jipprovd informazzjoni dwar l-inputs użati għall-produzzjoni tal-eritritol. Erba' produtturi esportaturi ssottommettew l-informazzjoni rilevanti.
- (42) Biex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovd evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikkjoni tan-Notifika tal-Bidu f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea.
- (43) Ma waslet l-ebda twiegħiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku sal-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni infurmat lill-GTĊ li hija se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.
- (44) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni spċċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bl-iskop li tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi ta' prezziżjet jew ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni.
- (45) Fil-21 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni infurmat permezz ta' nota fil-fajl lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali ("l-Ewwel Nota").
- (46) F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-eritritol. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezziżjet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri l-Brażil, il-Kolombja u t-Tajlandja.

- (47) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, minbarra fl-Unjoni u fir-RPĊ, l-erititol jiġi prodott, fi kwantitatijiet industrijal, biss f'pajjiż b'livell differenti ta' żvilupp ekonomiku mir-RPĊ, jiġifieri l-Istati Uniti tal-Amerika.
- (48) Konsegwentement, il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex tidentifika, f'pajjiż rappreżentattiv b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ, prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott li qed jiġi investigat bl-istess (fil-biċċa l-kbira) fatturi ta' produzzjoni bħall-erititol.
- (49) Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat dolċifikanti oħra apparti l-erititol. Madankollu, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda dolċifikant prodott kummerċjalment bl-istess proċessi ta' produzzjoni jew bi proċessi ta' produzzjoni simili għall-erititol. L-erititol jiġi prodott kummerċjalment permezz tal-fermentazzjoni "naturali" tal-karboidrati. Madankollu, dolċifikanti artifiċjali bħas-sukralożju, is-sakkarina, l-aspartam, jew l-Aċesulfam-K huma manifatturati permezz ta' sinteżi/proċess kimiku artifiċjali.
- (50) Il-Kummissjoni mbagħad analizzat l-aċidu ċitru, prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott li qed jiġi investigat issuġġerit mill-ilmentatur. Bħall-erititol, l-aċidu ċitru huwa prodott kimiku organiku prodott bil-fermentazzjoni tal-karboidrati agrikoli.
- (51) Kemm l-aċidu ċitru kif ukoll l-erititol jiġu prodotti permezz ta' proċess ta' fermentazzjoni bi stadji regolati segwiti minn fażi ta' kristallizzazzjoni u t-tnejxha tal-kristalli. Anki jekk il-proċessi ta' fermentazzjoni taż-żewġ prodotti jvarjaw f'termini ta' mikroorganiżmi u ħmira, hemm materjali awżejjarji komuni, bħal aġġent kontra r-ragħwa, likur tat-tixrib tal-qamħirrum jew perlit. Għalhekk, l-aċidu ċitru u l-erititol għandhom l-istess materja prima ta' input ewljeni, ogħġetti konsumabbli rilevanti u proċessi ta' produzzjoni simili ħafna.
- (52) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aċidu ċitru kien prodott xieraq fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur bħall-prodott li qed jiġi investigat bl-għan li jiġi identifikat valur mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ għall-fatturi tal-produzzjoni użati fil-produzzjoni tal-erititol.
- (53) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-Ewwel Nota minn wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun (Dongxiao Biotechnology Co., Ltd.) kif ukoll mingħand l-ilmentatur.
- (54) Fil-11 ta' April 2024, il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet mingħand il-partijiet interessati dwar l-Ewwel Nota fit-Tieni Nota għall-fajl u infurmat ukoll lill-partijiet f'dik in-nota dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bil-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Hija informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general and administrative) u l-profitti bbażati fuq Sucroal S.A, produttur tal-aċidu ċitru fil-pajjiż rappreżentattiv ("it-Tieni Nota").
- (55) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti għat-Tieni Nota mingħand l-Industrija tal-Unjoni u mingħand Dongxiao Biotechnology Co., Ltd. Dawn ġew indirizzati taħt l-intestatura rispettiva taħt it-Taqsima 3.3.3 hawn taħt.
- (56) Wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Kolombja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq li minnu jinkisbu prezziżiet u kostijiet mingħajr distorsjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali. Ir-raġunijiet sottostanti għal dik l-ġhażla huma deskritti aktar fid-dettall fit-Taqsima 3.3 ta' hawn taħt.

### 3.2. Valur normali

- (57) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħalla jew pagħbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".
- (58) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "fil-każ li jiġi determinat [...], li mhuwiex xieraq li jintużaw prezziżiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens talpunt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezziżiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" (il-kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn il-quddiem imsejħa l-"SG&A").

- (59) Kif spjegat aktar hawn taħt, fl-investigazzjoni preżenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

### 3.2.1. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti

- (60) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li “distrōsionijiet sinifikanti huma dawk id-distrōsionijiet li jseħħu meta l-prezzijiet jew il-kostijiet irrapportati, inklużi l-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles peress li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tiġi vvalutata l-eżistenza ta' distrōsionijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:
- is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjeda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;
  - il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;
  - politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur forniture domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;
  - in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprietà;
  - il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distrōsioni;
  - aċċess għal finanzjament mogħti minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' politika pubblika jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxu indipendentement mill-istat.”
- (61) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ma hijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jingħataw għal sejba ta' distrōsionijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw biex tintwera l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista.
- (62) Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distrōsionijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni globali dwar l-eżistenza ta' distrōsionijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrativa tal-pajjiż esportatur jipprovd lill-gvern b'setgħat sostanzjali biex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.
- (63) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li “[f]ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjoni jipprevedi fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distrōsionijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprodu, tippubblka u taġġorda regolarment rapport li jiddeskrivi c-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur”.
- (64) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar ir-RPĊ (“ir-Rapport”) <sup>(6)</sup>, li fih evidenza tal-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern fħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distrōsionijiet speċifiċi fħafna fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera) kif ukoll setturi magħżula (bħas-settur kimiku). Il-partijiet interessati kienu mistiedna jirribattu, jikkumentaw jew jissupplimentaw l-evidenza inkluża fil-fajl tal-investigazzjoni fiż-żmien tal-bidu. Ir-rapport dwar ir-RPĊ tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu. L-ilment kien fih ukoll xi evidenza rilevanti li tikkomplementa r-Rapport.

<sup>(6)</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distrosionijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjoni jipprevedi għad-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2.

- (65) L-ilmentatur qagħad fuq l-evidenza li tinsab fir-Rapport biex jenfasizza r-rilevanza tad-distorsjonijiet imsemmija hawn taħt fil-kuntest tal-proċedimenti anti-dumping tal-UE li jikkonċernaw l-ingredjenti tal-ikel. Barra minn hekk, l-ilmentatur indika li l-awtoritajiet kummerċjali tal-Istati Uniti ddokumentaw wisq distorsjonijiet sinifikanti tal-prezzijiet u tal-kostijiet fir-RPĊ kemm b'mod ġenerali kif ukoll fis-settur kimiku b'mod partikolari, fir-rigward ta' prodotti bijokimiċi bħall-erititol, l-aċċidu ċitru jew il-glukonat tas-sodju.
- (66) L-ilmentatur irrefera wkoll għas-sejbiet tal-Kummissjoni f'diversi investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur kimiku fir-RPĊ, li kkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-prezzijiet u l-ikostijiet fir-RPĊ, jiġifieri l-investigazzjonijiet li jikkonċernaw il-glukonat tas-sodju (7), ċerti alkoħols tal-polivinil (8), l-aċċidu sulfaniliku (9), l-aċċidu ċitru (10) u l-glutamat tal-monosodju (11).
- (67) Konsegwentement, peress li l-produtturi investigati fil-każijiet imsemmija hawn fuq huma attivi fl-istess settur bħall-produtturi tal-erititol, l-ilment issottometta li l-konklużjonijiet fir-rigward tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti milhaqa fl-investigazzjonijiet ta' hawn fuq japplikaw ukoll għall-produtturi tal-erititol fir-RPĊ.
- (68) L-ilment indika li l-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi tal-erititol fir-RPĊ ma jistgħux jiġu aċċettati peress li jmorru kontra l-kunċett ta' azzjoni libera tal-forzi tas-suq iżda pjuttost jirriżultaw mill-intervent kumpless u komprensiv mill-istat.
- (69) Distorsjonijiet sinifikanti tas-suq fis-settur kimiku, b'mod partikolari fis-settur tal-erititol, huma kkonfermati regolarmill mill-azzjonijiet tar-RPĊ kif iddokumentati minn atti formali, kif ukoll minn azzjonijiet sussegamenti ta' kumpaniji privati u tal-istat.
- (70) Pereżempju, diversi produtturi tal-erititol jinsabu fi provinċji fejn jeżistu distorsjonijiet sinifikanti, bħal Hebei, li stabbiliet skemi ta' appoġġ speċifiċi għas-settur kimiku, jew Shandong, li ppubblikat Avviż ta' Pjan għat-Trawwim tal-Bini ta' Provinċja Agrikola b'Saħħitha (2021–2025), li jinkludi diversi dispożizzjonijiet iggwidati politikament u li jfixku s-suq għas-settur agrikolu. Bl-istess mod, Heilongjiang għandha l-Pjan ta' 5 Snin ("FYP", Five Year Plan) tagħha stess dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Qamħirrum, filwaqt li l-FYP dwar l-Industriji Strateġiċi u Emerġenti ta' Jilin jippromwovi l-industrijalizzazzjoni bijokimiċa.
- (71) Barra minn hekk, l-ilmentatur indika li l-kumpaniji li jimmanifatturaw l-erititol spiss jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom dikjarazzjonijiet li jirreferu għal fatturi li jirfdi d-distorsjonijet. Pereżempju, is-sit web ta' Sanyuan Biotechnology Co. Ltd., l-akbar produttur tal-erititol tar-RPĊ, iddi kħatra li l-prodotti tagħhom ġew identifikati bħala prodotti ġodda ewlenin nazzjonali. L-istess kumpanija, flimkien ma' ħafna produtturi oħra tal-erititol – bħat-tieni l-akbar waħda, Baolingbao Biology Co., Ltd – irċeviet bosta premijiet u titoli nazzjonali jew provinċjali marbuta mal-qasam tax-xogħol (pereżempju: iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Riċerka u Telnoloġija tal-Inginerijsa taz-Zokkor, il-Premju Nazzjonali għall-Kwalità, Fabbrika Nazzjonali Favur l-Ambjent), li skont l-ilmentatur huwa sinjal ta' konnessjoni mill-qrib bejn l-istat u l-kumpaniji attivi fis-settur tal-erititol.

- (7) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/752 tat-12 ta' April 2023 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta' skadensa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 100, 13.4.2023, p. 16).
- (8) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definitivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1).
- (9) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/441 tal-11 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċċidu sulfaniliku li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadensa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 85, 12.3.2021, p. 154).
- (10) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/607 tal-14 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċċidu ċitru li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għall-importazzjonijiet tal-aċċidu ċitru kkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddkkarati bħala li jorġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadensa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 129, 15.4.2021, p. 73).
- (11) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/633 tal-14 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Indoneżja wara rieżami ta' skadensa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 63).

- (72) Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-eritritol huma membri tal-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Addittivi u l-Ingredjenti tal-Ikel (“CFAA”, China Food Additive and Ingredients Association) u huma jew il-fornituri tagħhom huma wkoll membri tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Lamtu taċ-Ċina (“CSIA”, China Starch Industry Association).
- (73) B'referenza għall-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju msemmija hawn fuq, l-ilmentatur indika li skont l-14-il FYP tar-RPĊ, li jkɔpri l-perjodu mill-2021 sal-2025, ir-RPĊ hija ddeterminata li żżomm “superviżjoni stretta fuq l-industrija kimika”. Bl-istess mod, l-ilmentatur fakkli li l-investigazzjonijiet li jikkonċernaw ċerti alkoħols tal-polivinil, l-aċidu sulfaniliku, l-aċidu ċitriku u l-glutamat tal-monosodju kkonkludew li r-RPĊ tinterferixxi mad-deċiżjonijiet kummerċjali permezz taċ-ċelloli tal-Partit Komunista Ċiniż (“CCP”, Chinese Communist Party) preżenti fl-intrapriżi, kemm dawk tal-istat kif ukoll dawl privati. Is-CCP huwa rrapporat li jeżerċita pressjoni mhux biss fuq il-kumpanji tal-istat iż-żda wkoll fuq il-kumpanji privati biex isegwu d-dixxiplina tal-Partit. Fl-2017, kienu jeżistu ġelloli tal-Partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanja privata, bi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpanji rispettivi tagħhom.
- (74) L-ilmentatur enfasizza li fl-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju, il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet imsemmija hawn fuq setgħu jiġu osservati wkoll fir-rigward ta' sustanzi kimiċi oħra, u kkonkludiet li s-settur kimiku u petrokimiku kollu fir-RPĊ kien affettwat minn distorsjonijiet fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni sabet li s-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ ġeneralment irriżultat fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli jiġi allokat fi-konformità mal-forzi tas-suq.
- (75) Barra minn hekk, filwaqt li jindika li l-produtturi fl-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq huma l-istess bħal dawk fis-settur tal-eritritol, l-ilment fakkli l-elementi li ġejjin li jirriżultaw f'distorsjonijiet sinifikanti.
- (76) L-ewwel nett, is-settur kimiku, inkluż is-sottosettur tal-eritritol, qed jiġi servut b'mod sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-awtoritajiet tal-istat:
- Kif stabbilit fl-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju, grad sostanzjali ta' sjeda u kontroll mill-GTĊ ippersista fis-settur kimiku, b'għadd ta' intrapriżi, anki jekk mhux kompletament proprietà tal-istat, instab li kellhom proporzjon importanti ta' parteċipazzjoni azzjonarja diretta u indiretta mill-istat.
  - Bl-istess mod, fl-investigazzjoni tal-aċidu sulfaniliku wrriet li s-CCP kelleu rwol prominenti fl-operazzjonijiet u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' diversi produtturi esportaturi Ċiniżi ta' dak il-prodott.
- (77) It-tieni nett, il-preżenza tal-istat fil-kumpanji tal-eritritol tippermetti wkoll lill-awtoritajiet jinterferixxu fil-prezzijiet u/jew fil-kostijiet:
- L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju wrriet li l-GTĊ kien f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet fis-settur kimiku permezz ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi esportaturi u s-CCP, fil-livell tal-intrapriżi tal-manifattura, tal-produtturi tal-materja prima, kif ukoll tal-assoċjazzonijiet tal-industrija.
  - Barra minn hekk, peress li l-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-eritritol huma membri tas-CFAA u huma jew il-fornituri tagħhom huma membri tas-CSIA, huma jridu issegwu t-tmexxija ġeneralis tas-CCP u jorganizzaw aktivitajiet tal-Partit fil-kumpanji tagħhom, fkonformità mal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-CFAA/CSIA.
- (78) It-tielet nett, il-GTĊ isegwi politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluenzaw il-forzi tas-suq ħieles:
- Fl-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju, l-industrija nstabet li kienet koperta minn diversi pjanijiet, direttivi u dokumenti oħra ffukati fuq is-sustanzi kimiċi, inklużi l-addittivi tal-ikel, li nħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali, bħall-14-il FYP. L-għanijiet teknoloġiċi ta' dan tal-aħħar ġew definiti fil-FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, li kelleu l-ġhan li jrawwem it-tħejjija ta' ktajjen industrijali komprensivi ta' materjali b'bażi bijoloġika.

— L-involviment tar-RPĊ fl-iżvilupp tal-industrija kimika huwa evidenti wkoll mill-Opinjonijiet ta' Gwida għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industriji Petrokimiċi u Kimiċi matul il-FYP, li jinkludu l-objettivi li tithaffex it-trasformazzjoni u t-titjib tal-industrija u tittejjeb il-kompetittivitāt tagħha u li jirreferi għal katalgu ta' teknoloġiji u prodotti li l-industrija petrokimika u kimika hija mħeġġa tippromwovi u tapplika.

— L-Avviż tal-2018 ta' Diversi Miżuri tal-Politika li Jappoġġjaw l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Ipproċessar fil-Fond ta' Prodotti Agrikoli jsemmi diversi għanġiet tal-politika mfassla mill-awtoritajiet tal-istat, bħall-ottimizzazzjoni tal-istruttura tal-industrija, l-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-iżvilupp koordinat tal-ipproċessar intensiv ta' prodotti agrikoli bl-ipproċessar primarju u użu komprensiv tagħhom u l-iżgur ta' konnessjoni ma' industrijiet upstream u downstream bħall-produzzjoni ta' materji primi, eċċ.

(79) Ir-raba' nett, bħal fi kwalunkwe settur ieħor fl-ekonomija Ċiniża, is-settur kimiku huwa soġġett għad-distorsjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorej jew l-infurzar inadegwat tar-regoli Ċiniżi dwar il-falliment, il-kumpaniji u l-proprjetà:

— L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju kkonkludiet li l-liġjiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà jiġġeneraw distorsjonijiet b'mod partikolari meta d-ditti insolventi jinżammu fil-wiċċ u meta jiġu allokati d-driftijiet tal-użu tal-art fir-RPĊ.

(80) Il-ħames nett, il-kostijiet tal-pagi huma distorti fis-settur kimiku wkoll:

— L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju kkonkludiet li s-settur kien affettwat, kemm direttament kif ukoll indirettament, minn distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi.

(81) Is-sitt nett, il-produtturi tal-eritritol għandhom aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw għanġiet ta' politika pubblika jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxu indipendentement mill-istat:

— L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju kkonkludiet li l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja kien wassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod sever fil-livelli kollha.

(82) L-ilmentatur issottometta li d-distorsjonijiet imsemmija hawn fuq huma sistemiċi. L-interventi mill-istat jinstabu fil-pajjiż kollu u fis-settu kollha tal-ekonomija, fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, l-art, ix-xogħol, l-enerġija u l-materja prima, fost l-oħrajn. L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju wriet li, meta l-produtturi jixtru jew jikkuntrattaw għall-inputs, il-prezzijiet imħalla u rreġistrati bħala kostijiet huma esposti għad-distorsjonijiet sistemiċi deskritti hawn fuq. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs jużaw manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet, jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital u huma soġġetti għas-sistema tal-ippjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-settu.

(83) Bħala konklużjoni, l-ilmentatur argumenta li hemm distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fis-settur tal-eritritol.

(84) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl. L-evidenza fil-fajl kienet tinkludi l-evidenza li tinsab fir-Rapport, kif ukoll fil-verżjoni aġġornata tiegħu ("Rapport aġġornat") (12), li tiddependi fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku.

(85) Dik l-analiżi kopriet l-eżaminazzjoni tal-interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ inġenerali, iżda anki s-sitwazzjoni spċifici tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

<sup>(12)</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjoni għad-Difiża tal-Kummerċ, l-10 ta' April 2024, SWD(2024) 91 final.

### 3.2.2. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ

- (86) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa inkorporat fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika tar-RPĊ. Il-prinċipju ewljeni huwa s-“sjeda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjeda min-nies kollha u s-sjeda kollettiva mill-ħaddiema”<sup>(13)</sup>.
- (87) L-ekonomija tal-istat hija l-“forza ewlenija fl-ekonomija nazzjonali” u l-istat għandu l-mandat li jiżgura l-“konsolidazzjoni u t-tkabbir” tagħha<sup>(14)</sup>. Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett tas-supremazja tas-sjeda pubblika fuq dik privata huwa miflurx fis-sistema ġuridika kollha u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha.
- (88) Il-liġi Ċiniża dwar il-proprietà hija eżempju ewljeni: hija tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li permezz tagħha s-sjeda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjeda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjeda tal-istat<sup>(15)</sup>.
- (89) Barra minn hekk, skont id-dritt Ċiniż, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tas-CCP. L-istrutturi tal-istat Ċiniż u tas-CCP huma marbuta ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jifformaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-istat.
- (90) Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewljeni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni.
- (91) Wara l-ewwel sentenza digħi eżistenti tad-dispożizzjoni: “[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina” iddaħħlet it-tieni sentenza ġidida li taqra: “[i]l-karakteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina.”<sup>(16)</sup> Dan juri l-kontroll mhux iddubit u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika tar-RPĊ.
- (92) Din it-tmexxija u dan il-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali ta' pajjiżi oħra fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali fil-limiti ta' forzi tas-suq ħieles.
- (93) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzionista biex jilħaq għanijiet li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflett l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalent f'suq ħieles<sup>(17)</sup>. L-għodod ekonomiċi intervenzionisti użati mill-awtoritatijiet Ċiniżi jinqasmu f'diversi friegħi, inklużi s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.
- (94) L-ewwel nett, fuq il-livell ta' kontroll amministrattiv ġenerali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija rregolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-aktivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u politiki trasversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern.
- (95) Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma dettlejati, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi biex jiġu appoġġati l-industriji/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri tal-output espliċiti.
- (96) Taħt il-pjanijiet, setturi industrijali u/jew proġetti individwali qed jiġu identifikati bħala prioritajiet (pożittivi jew negattivi) skont il-prioritajiet tal-gvern u huma attribwiti lilhom għanijiet spċifici ta' żvilupp (titjb Industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.).

<sup>(13)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 7

<sup>(14)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 7–8.

<sup>(15)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 10, 18.

<sup>(16)</sup> Disponibbli fuq: [http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node\\_2825.htm](http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node_2825.htm) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(17)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 29–30.

- (97) L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-istat kollha kemm huma, iridu jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitàjet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan ma huwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet, iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema tal-pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom kif xieraq, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prioritajiet stabiliti fil-pjanijiet (¹⁸).
- (98) It-tieni nett, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hija ddominata mill-banek kummerċjali u ta' politika tal-istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixx u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw primarjament il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari (¹⁹).
- (99) L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Ċiniż, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabiliti b'mod li ma humiex immirati biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-istat u mis-CCP (²⁰).
- (100) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-istat fl-ekonomija jieħdu numru ta' forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarmen biex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbaż-żejj fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-il-huq tal-ġhanijiet imfassla mill-politiki tal-istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-ġhanijiet għadha mhix definita, biex b'hekk tħalli marġni wiesa' ta' apprezzament għall-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet (²¹).
- (101) B'mod simili, fil-qasam tal-investimenti, il-GTĊ iżżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor kemm tal-investimenti tal-istat kif ukoll dak privat. L-iskrinjar tal-investimenti, kif ukoll diversi incēntivi, restrizzjonijiet, u projekti relatati mal-investimenti jintużaw mill-awtoritajiet bħala għoddha importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-istat fuq setturi ewlenin jew it-tishħiħ tal-industria domestika (²²).
- (102) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jinkoraġġixxu bosta interventi tal-gvern. Tali interventi sostanzjali tal-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li tirriżulta fid-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq (²³).

**3.2.3. Distorzjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiċi: is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, taħt il-kontroll jew taħt is-superviżjoni politika jew taħt il-gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur.**

- (103) Fir-RPĊ, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.
- (104) Is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa moqdi prinċipalment minn kumpaniji privati, bħal: Sanyuan Biotechnology Co., Ltd. (²⁴); Dongxiao Biotechnology Co., Ltd (²⁵); Baolingbao Biology Co., Ltd. (²⁶); Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. (²⁷)

(¹⁸) Rapport Aġġornat – Kapitolu 4, p. 57, 92.

(¹⁹) Rapport Aġġornat – Kapitolu 6, p. 149-150.

(²⁰) Rapport Aġġornat – Kapitolu 6, p. 153-171.

(²¹) Rapport Aġġornat – Kapitolu 7, p. 204-205.

(²²) Rapport Aġġornat – Kapitolu 8, p. 207-208, 242-243.

(²³) Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 19-24, Kapitolu 4, p. 69, p. 99-100, Kapitolu 5, p. 130-131.

(²⁴) <http://sanyuanbz.com/> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(²⁵) <http://www.cndongxiao.com/> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(²⁶) [https://www.blb-cn.com/index/index/about\\_us#](https://www.blb-cn.com/index/index/about_us#) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(²⁷) <https://www.huakangpharma.com/> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(105) Madankollu, l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma mhux biss fl-intrapriżi tal-istat ("SOEs", State-Owned Enterprises), iżda wkoll fkumpaniji privati<sup>(28)</sup>, bis-CCP jiddikjara t-tmexxija fuq kważi kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż. Tabilħaqq, l-influwenza tal-Istat permezz tal-istrutturi tas-CCP fil-kumpaniji effettivamente tirriżulta fli l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt il-kontroll u s-superviżjoni tal-politika tal-gvern, minħabba sa liema punt l-istrutturi tal-istat u tal-partit kibru flimkien fir-RPĊ.

(106) Barra minn hekk, is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa soġġett għal diversi politiki tal-gvern, bħall-politiki ewlenin tal-2022 imħabba mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tal-Agricoltura u l-Affarijet Rurali: "[...] iż-żvilupp integrat tal-industrija agrikola. Koordinament tat-tqassim u l-kostruzzjoni ta' għadd ta' parks industrijali agrikoli moderni nazzjonali, raggruppamenti industrijali vantaġġużi u karatteristiċi, u muniċipalitajiet industrijali agrikoli b'saħħithom. Iffukar fuq l-iżgur tas-sigurtà alimentari nazzjonali u l-provvista effettiva ta' prodotti agrikoli importanti, b'enfasi fuq ir-ross, il-qamħ, il-qamħirrum, [...] il-bini ta' sistema industrijali rurali moderna bbażata fuq bliet industrijali b'saħħithom, parks industrijali bħala l-magna, u raggruppamenti industrijali bħala s-sinsla, it-tqassim provinċjali, tal-kontej u tal-bliet, u l-promozzjoni koordinata ta' punti, linji u żoni, sabiex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-żvilupp industrijali kollu kemm hu"<sup>(29)</sup>. Bl-istess mod, l-14-il FYP dwar il-promozzjoni tal-modernizzazzjoni tal-agricoltura u taż-żoni rurali jistabbilixxi l-objettivi li ġejjin: "[k]ostruzzjoni ta' ċinturini industrijali tas-sigurtà nazzjonali tal-ikel. Abbażi tal-produzzjoni u l-provvista tar-ross, il-qamħ, il-qamħirrum, il-fażola tas-sojja, eċċi, jikkoordinaw it-tqassim tal-bini tal-kapaċitā fil-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ħażin, u c-ċirkolazzjoni, u jibnu ċinturini industrijali tas-sikurezza alimentari [...]"<sup>(30)</sup>.

(107) Il-kontroll tal-gvern u s-superviżjoni tal-politika jistgħu jiġu osservati wkoll fil-livell tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti<sup>(31)</sup>.

(108) Pereżempju, fl-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, is-CFAA tiddikjara li l-organizzazzjoni "taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni professionali mill-entitajiet responsabbi għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, minn entitajiet responsabbi mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija"<sup>(32)</sup>. Il-Fergħa tal-Partit tas-CFAA<sup>(33)</sup> hija mistennja wkoll li "ssahħħah kontinwament il-kapaċitajiet ta' riċerka tan-negożju, [...] issahħħah il-ħidma tal-bini tal-Partit tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija u timplimenta biss-sħiħ ir-rekwiżiti ġenerali għall-bini tal-Partit fl-era l-ġdida"<sup>(34)</sup>.

(109) Sanyuan Biotechnology Co., Ltd., Baolingbao Biology Co., Ltd. u Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. huma fost il-membri tas-CFAA<sup>(35)</sup>. Mlux biss, Baolingbao Biology Co., Ltd. u Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. huma fost il-membri ta' wħud mill-Kumitat Professionali tas-CFAA<sup>(36)</sup>.

<sup>(28)</sup> L-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Liġi Ċiniża dwar il-Kumpaniji. Ara r-Rapport aġġornat – il-Kapitolu 3, p. 47-50.

<sup>(29)</sup> [http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk\\_1/nybt/202206/t20220610\\_6402146.htm](http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk_1/nybt/202206/t20220610_6402146.htm), paragrafu 20 (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(30)</sup> [https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content\\_5673082.htmTaqsima II.6, Kaxxa 2](https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content_5673082.htmTaqsima II.6, Kaxxa 2) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(31)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 24-27.

<sup>(32)</sup> [https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI\\_FIC\\_INTRODUCTION&chapter.param.paramCode=UTI\\_FIC\\_INTRODUCTION\\_2&type=](https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI_FIC_INTRODUCTION&chapter.param.paramCode=UTI_FIC_INTRODUCTION_2&type=) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(33)</sup> <https://www.cfaa.cn/> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(34)</sup> Ara: [https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI\\_CATEGORY\\_7&chapter.id = 2286&type=](https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI_CATEGORY_7&chapter.id = 2286&type=) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(35)</sup> Għal Sanyuan Biotechnology Co., Ltd. ara <https://www.cfaa.cn/lxweb/queryCompanyAllDetail.action?companyInfo.id=13137> (aċċessat fit-8 ta' April 2024). Għal Baolingbao Biotechnology Co., Ltd. u Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. ara [https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI\\_FIC\\_INTRODUCTION&chapter.param.paramCode=UTI\\_FIC\\_INTRODUCTION\\_3&type=](https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI_FIC_INTRODUCTION&chapter.param.paramCode=UTI_FIC_INTRODUCTION_3&type=) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(36)</sup> It-tnejn huma membri tal-Kumitat Professionali tad-Dolċifikanti u tal-Kumitat Professionali tal-Ingredjenti taz-Zokkor Funzjonal, u Baolingbao Biology Co., Ltd. hija wkoll membru tal-Kumitat Professionali tat-Tejjieba tan-Nutrizzjoni u l-ikel Nutrittiv Speċjal. Ara [https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI\\_FIC\\_INTRODUCTION&chapter.param.paramCode=UTI\\_FIC\\_INTRODUCTION\\_4](https://www.cfaa.cn/lxweb/showSecondryPage.action?subLanmuVo.paramRoot=UTI_FIC_INTRODUCTION&chapter.param.paramCode=UTI_FIC_INTRODUCTION_4) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

- (110) Is-CSIA, skont l-Artikolu 2 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, issegwi l-għan li "tippubbliċizza u timplimenta l-politiki industrijali nazzjonali, isservi lill-industrija bis-sħiħ, u tippromwovi l-produzzjoni industrijali". Barra minn hekk, l-Artikolu 3 jiddikkjara li s-CSIA "tistabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista Ċiniż, twettaq attivitajiet tal-Partit, u tipprovidi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit" u - bħal fil-każ tas-CFAA - "taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni tan-negozju mill-entitajiet inkarigati mir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, mill-entitajiet inkarigati mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija" (37).
- (111) Dongxiao Biotechnology Co., Ltd., Biotlogy Co., Ltd. u Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. huma fost il-membri tal-kunsill eżekuttiv tas-CSIA (38).
- (112) Dispożizzjonijiet simili jinsabu wkoll fl-Istatuti tal-Assoċjazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Fermentazzjoni Bijoloġika taċ-Ċina ("CBFIA", China Biological Fermentation Industry Association) (39). Baolingbao Biology Co., Ltd. u Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. huma t-tnejn viċi presidenti ta' CBFIA (40).
- (113) Konsegwentement, il-produtturi privati fis-settur tal-prodott ikkonċernat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Tabilħaqq, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u gwida tal-politika.

**3.2.4. Distorzjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku: Il-preżenza tal-Istat fid-ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew il-kostijiet**

- (114) Il-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-istat fid-ditti. Fil-fatt, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti li permezz tiegħu l-istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali.
- (115) Skont il-liġi tar-RPĊ dwar il-kumpaniji, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP f'kull kumpanija (b'mill-inqas tliet membri tas-CCP kif spċċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP (41)) u l-kumpanija għandha tippordvi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit.
- (116) Fil-passat, dan ir-rekwiżit deher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, mill-inqas mill-2016 'l-hawn, is-CCP qeigħed isaħħaħ il-pretensionijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji bħala kwistjoni ta' princiċju politiku (42), inkluż l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-“patrijottiżmu” l-ewwel u biex isegwu d-dixxiplina tal-Partit (43).
- (117) Diġà fl-2017, kien irrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-Partit f€70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija bi sjeda privata, bi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom (44). Dawn ir-regoli huma ta' applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, fosthom għall-produtturi tal-prodott ikkonċernat u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.
- (118) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titolu Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tishħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida (“il-Linji Gwida”) (45), li kompla jespandi r-rwol tal-kumitat tal-Partit f'intrapriżi privati.

(37) <https://www.siacn.org/dl/I0a-252B22.html> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(38) Għal Dongxiao Biotechnology Co., Ltd., ara <https://siacn.org.cn/hys/C04ke8i8V6FKwm58AiHI8kZLWAqQfQJGMbT7hpaoMfyhfo=.html> (aċċessat fit-8 ta' April 2024). Għal Baolingbao Biology Co., Ltd. ara <https://siacn.org.cn/hys/IRjptfyhfnlZnu6t27hPxu7asXt46rxUsrzpUWSRfyhfRrLA=.html> (aċċessat fit-8 ta' April 2024). Għal Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. ara <https://siacn.org.cn/hys/SWj57c6UUhw8Rgkzb+016qfKa9gWhP3BQaNR0qBW3Tw=.html> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(39) <http://www.cfa.org.cn/> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(40) <http://www.cfa.org.cn/site/term/3.html> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(41) Rapport Aġġornat – Kapitolu 3, p. 40.

(42) Għal eżempju ara: Blanchette, J. - Xi's Gamble: The Race to Consolidate Power and Stave off Disaster; Foreign Affairs, vol. 100, nr. 4, Lulju/Awwissu 2021, pp. 10-19.

(43) Rapport Aġġornat – Kapitolu 3, p. 41.

(44) Available at: <https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU> (accessed on 8 April 2024).

(45) Il-Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tishħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida: [www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content\\_5543685.htm](http://www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

- (119) Il-punt II.4 tal-Linji Gwida jipprovd: “[i]rridu nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Partit li jmexxi l-ħidma tal-Front Magħqu fis-settur privat u jżid b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam”; u t-taqsimma III.6 tipprovd: “[i]rridu nżidu aktar il-bini tal-Partit f'intrapriżi privati u nippermettu liċ-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nippermettu lill-membri tal-Partit iwettqu l-partijiet tagħhom bħala vanguardji u pjunieri”. Ġhalhekk, il-Linji Gwida jenfasizzaw u jfittxu li jżidu r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħrajn tas-settur privat (⁴⁶).
- (120) L-investigazzjoni kkonfermat li jeżistu wkoll koinċidenzi bejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u s-sħubija fis-CCP / il-funzjonijiet tal-Partit fis-settur tal-eritritol. Bħala eżempju, il-Maniġer Ġenerali ta' Dongxiao Biotechnology Co., Ltd. għandu pożizzjonijiet fis-CCP u huwa wkoll rappreżendant fl-14-il Kungress tal-Poplu attwali ta' Shandong (elett f-Jannar 2023) (⁴⁷). Il-President tal-kumpanija tat-Trade Union, li huwa wkoll membru tas-CCP, meta ġie mistoqsi dwar ir-relazzjoni bejn il-bini tal-Partit u l-iżvilupp tal-intrapriżha, qal: “Il-bini tal-Partit imexxi l-intrapriżha, u l-Partit u l-intrapriżha huma integrati u b'saħħithom” (⁴⁸).
- (121) Barra minn hekk, diversi membri tal-bord tad-diretturi ta' Sanyuan Biotechnology Co., Ltd., l-akbar produttur tal-prodott ikkonċernat, huma membri tas-CCP (⁴⁹). L-istess japplika għal Baolingbao Biology Co., Ltd. (⁵⁰) u Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd., li l-president tagħhom mhux biss huwa membru tas-CCP u s-segretarju tal-Partit tal-kumpanija, iżda wkoll Rappreżendant fl-14-il Kungress tal-Poplu ta' Zhejiang (⁵¹).
- (122) Il-preżenza u l-intervent tal-istat fis-swieg finanzjarji kif ukoll fil-provvista ta' materia prima u inputs għandhom ukoll effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq (⁵²). Għalhekk, il-preżenza tal-istat fid-ditti, fis-settur tal-eritritol u f'setturi oħra (bħas-setturi finanzjarji u tal-input) tippermetti lill-GTĊ ġinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

### 3.2.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż, tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur forniture domestiċċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

- (123) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prioritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom irridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali, provinċjali u lokali. Jeżistu pjanijjiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru virtwalment is-setturi ekonomiċi kollha. L-objetti stabbiliti mill-istumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-lawtoritajiet fkull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implementazzjoni tal-pjanijjiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern.
- (124) B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fis-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi jintbagħtu lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minnflok ma jkunu allokati skont il-forzi tas-suq (⁵³).
- (125) L-awtoritajiet Ċiniżi ppromulgaw għadd ta' politiki li jiggwidaw il-funzjonament tas-settur tal-prodott ikkonċernat.

(⁴⁶) Financial Times (2020) – Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise: <https://on.ft.com/3mYxP4j> (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(⁴⁷) [https://baike.baidu.com/item/%E9%83%AD%E4%BC%A0%E5%BA%84/62571344?fr=ge\\_ala](https://baike.baidu.com/item/%E9%83%AD%E4%BC%A0%E5%BA%84/62571344?fr=ge_ala) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(⁴⁸) [https://www.sohu.com/a/588371216\\_121332524](https://www.sohu.com/a/588371216_121332524).

(⁴⁹) <http://paper.bzrb.net/bzrb/20210616/html/e076d227693fe26ee3cd4b65a598615d.pdf> u [https://vip.stock.finance.sina.com/corp/view/vCI\\_CorpManagerInfo.php?stockid=301206&Pcode=30793729&Name=%B8%DF%C1%C1](https://vip.stock.finance.sina.com/corp/view/vCI_CorpManagerInfo.php?stockid=301206&Pcode=30793729&Name=%B8%DF%C1%C1) (it-tnejn aċċessati fit-8 ta' April 2024).

(⁵⁰) Ara r-Rapport Annwali tal-2023, p. 49-50, disponibbli fuq 9827581.PDF (sina.com.cn) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(⁵¹) [https://baike.baidu.com/item/%E9%99%88%E5%BE%B7%E6%B0%84/7847517?fr=ge\\_ala](https://baike.baidu.com/item/%E9%99%88%E5%BE%B7%E6%B0%84/7847517?fr=ge_ala) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

(⁵²) Rapport Aġġornat – Kapitolu 14, Taqsimiet 14.1 sa 14.3.

(⁵³) Rapport Aġġornat – Kapitolu 4, p. 56-57, 99–100-.

- (126) Il-politiki ewlenin tal-2022 tal-Ministeru tal-Finanzi u tal-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali msemmija hawn fuq (ara l-premessa (106)) fihom ukoll id-dispożizzjonijiet li ġejjin li jinfluwenzaw il-funzjonament tas-settur: “[l]-istat se jkompli jimplimenta politiki bħal sussidji għall-produtturi tal-qamħirrum u tal-fażola tas-soċċa, sussidji għar-ross, u incenċivi għal kontej kbar li jipproduċu l-ħbub, sabiex tīġi kkonsolidata l-effettivitā tar-riforma strutturali min-naħħa tal-provvista fl-agrikoltura u tīġi żgurata s-sigurtà tal-ikel nazzjonali” jew “[p]remijiet għal kontej ewlenin tal-produzzjoni taż-żrieragħ. L-espansjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ għall-kontej ewlenin tal-produzzjoni tar-ross, il-qamħ, il-qamħirrum [...], u l-promozzjoni tat-trasformazzjoni u t-titjib tal-industrija taż-żrieragħ”<sup>(54)</sup>.
- (127) L-14-il FYP dwar il-promozzjoni tal-modernizzazzjoni tal-agrikoltura u taż-żoni rurali<sup>(55)</sup> għandu l-għan li “[j]tejjeb il-politiki ta’ appoġġ għall-produzzjoni tal-ħbub. Jistabbilizza s-sussidji għall- bdiewa tal-ħbub, itejjeb il-politika tal-prezz minimu tax-xiri għar-ross u l-qamħ, u l-politika ta’ sussidju għall-produtturi tal-qamħirrum u tal-fażola tas- soċċa. Itejjeb il-mekkaniżmu ta’ kumpens għall-interessi ta’ żoni ewlenin li jipproduċu l-ħbub u jtejjeb is-sistema ta’ politika ta’ appoġġ għall-kontej ewlenin li jipproduċu l-ħbub”<sup>(56)</sup>. Skont l-14-il FYP dwar l-iżvilupp tas-settur tat-tħawwil fil-livell nazzjonali<sup>(57)</sup>, “[m]atul il-perjodu tal-14-il Pjan ta’ 5 Snin, se nesploraw l-espansjoni potenzjali, inżidu l-kapaċitā tal-produzzjoni, nottimizzaw l-istruttura, nippromwovu żvilupp diversifikat, u ntejbu l-kapaċitajiet tal-garanzija tal-provvista”<sup>(58)</sup>.
- (128) L-14-il FYP tas-CSIA<sup>(59)</sup> juri wkoll il-politiki eżistenti tal-gvern fis-settur billi jiispjega li “[m]ill-2016, l-istat aġġusta l-politika tal-ħżin temporanju tal-qamħirrum fi tliet provinċji fil-grigal u fir-Reġjun Awtonomu tal-Mongolja ta’ Ġewwa għal mekkaniżmu ġdid ta’ “xiri orjentat lejn is-suq” kif ukoll “sussidju”, li kkawża li l-prezzijiet tal-qamħirrum jaqgħu ħafna u naqqas sew il-kost tal-produzzjoni tal-lamtum tal-qamħirrum; sabiex jiddigestaw Inventarju tal-qamħirrum żejjed, Heilongjiang, Jilin, Liaoning, il-Mongolja ta’ Ġewwa u postijiet oħra taw gradi differenti ta’ sussidju għall-intrapriżi tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum, li komplew iżidu l-kapaċitā ta’ produzzjoni tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum u l-produzzjoni tal-lamtum tal-qamħirrum”<sup>(60)</sup>.
- (129) L-14-il FYP dwar l-iżvilupp tal-bijoekonomija<sup>(61)</sup> jindirizza direttament is-settur tal-prodott ikkonċernat, billi jimmira li “[j]sahħħah il-pożizzjoni ewlenija tal-innovazzjoni tal-intrapriżi. Jagħti sehem lir-rwol ewleni u ta’ appoġġ tal-intrapriżi ewlenin fil-qasam bijoloġiku, jiggwida lill-intrapriżi l-kbar biex jifθu riżorsi bħall-innovazzjoni teknoloġika, il-katina tal-provvista, u s-servizzi finanzjarji upstream u downstream tal-katina industrijali, u jippromwov l-integrazzjoni u l-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju. Filwaqt li jiffokaw fuq oqsma ewlenin b'influenza kbira u wiesgħa bħall-bijomediċina, il-bijoagrikoltura, u l-bijomanifattura, l-intrapriżi bijoinnattivi huma mħeġġa japrofondixxu l-kultivazzjoni tagħhom f'għelieqi suddiċi, jikkultivaw il-vantaġġi tal-iżvilupp tagħhom, u jikkultivawhom f'promoturi individwali b'kompetitività globali”<sup>(62)</sup>.
- (130) Fil-livell tal-provinċja, bl-istess mod, skont l-14-il FYP ta’ Hebei dwar l-industriji strateġiċi u emerġenti<sup>(63)</sup>, l-awtoritajiet tal-gvern huma mistennija li jsawru t-tqassim industrijali tas-settur kif ġej: “L-iżvilupp vigoruż tal-industriji tal-bijofermentazzjoni, il-prodotti b'bażi bijoloġika, u l-prodotti bijoloġiċi karatteristiċi, u l-promozzjoni tal-applikazzjoni integrata tal-bijoteknoloġija fl-oqsma tal-mediciċina, l-industrija kimika, il-materjali, l-ipproċessar fil-fond tal-ikel, u l-enerġija ġidda. Il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-vantaġġi tal-acċidi amminiċi, iz-zokkor tal-lamtum, il-preparazzjonijiet tal-enżimi, il-vitaminji, u prodotti oħra, u l-iżvilupp ta’ materjali bijoloġiċi ġodda bħal fibri b'bażi bijoloġika, sustanzi kimiċi b'bażi bijoloġika”<sup>(64)</sup>.

<sup>(54)</sup> [http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk\\_1/nybt/202206/t20220610\\_6402146.htm](http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk_1/nybt/202206/t20220610_6402146.htm), paragrafi 6 u 15 (aċċessat fit-8 ta’ April 2024).

<sup>(55)</sup> [https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content\\_5673082.htm](https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content_5673082.htm) (aċċessat fit-8 ta’ April 2024).

<sup>(56)</sup> Ibid., it-Taqsima II.1.

<sup>(57)</sup> [http://www.moa.gov.cn/govpublic/ZZYGLS/202201/t20220113\\_6386808.htm](http://www.moa.gov.cn/govpublic/ZZYGLS/202201/t20220113_6386808.htm) (aċċessat fit-8 ta’ April 2024).

<sup>(58)</sup> Ibid., it-Taqsima III.1.3.

<sup>(59)</sup> Disponibbli fuq: <https://www.siacn.org/dl/DyZXItsx00.html> (aċċessat fit-8 ta’ April 2024).

<sup>(60)</sup> Ibid., it-Taqsima I.1.2.

<sup>(61)</sup> [https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/jd/jd/202205/t20220509\\_1324417.html](https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/jd/jd/202205/t20220509_1324417.html)

<sup>(62)</sup> Ibid., it-Taqsima III.6.

<sup>(63)</sup> <http://lvsefazhan.cn/index.php/guozijsanguan/408.html> (aċċessat fit-8 ta’ April 2024).

<sup>(64)</sup> Ibid., it-Taqsima IV.3.

- (131) Barra minn hekk, fl-2024, Shandong hārget politika ewlenija biex tippromwovi, taġġorna u tiżviluppa l-industrija tal-qamħirrum<sup>(65)</sup>, li tipprovd iappoġġ fiskali importanti għar-riċerka u l-iżvilupp. Dan l-appoġġ fiskali kien ta' beneficiju, pereżempju, għal Sanyuan Biotechnology Co., Ltd., li r-rappreżentant legali tiegħu qal: "Fir-rigward tal-pożizzjoni tal-kumpanija fuq il-linjal internazzjonali, hija inseparabbi mill-appoġġ qawwi tad-dipartiment tat-taxxa [...] L-inċentivi tat-taxxa aġġornati jagħtuna motivazzjoni sħiħa għar-riċerka u l-iżvilupp. Il-proġett tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' 50 000 tunnellata erititol tal-kumpanija tqiegħed fil-produzzjoni, u s-sehem mis-suq huwa mistenni li jkompli jiżdied"<sup>(66)</sup>.
- (132) Għalhekk, permezz ta' dawn l-istumenti u mezzi oħrajn, il-GTĊ jidderieġi u jikkontrolla kważi kull aspett fl-iżvilupp u fil-funzjonament tas-settur, kif ukoll l-inputs upstream.
- (133) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jikkonċernaw is-settur. Dawn il-miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

**3.2.6. Distorzjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprietà**

- (134) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża tal-falliment mhijiex adegwata biex tilħaq l-objettivi ewlenin tagħha stess, bħal dawk ta' saldu ġust tal-pretenzjonijiet u tad-djun u ta' salvagwardja tad-drittijiet u tal-interessi legali tal-kredituri u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tibbaża formalment fuq prinċipji simili għal dawk li jiġu applikati f'līgħi korrispondenti f'pajjiżi oħrajn minbarra r-RPĊ, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku.
- (135) In-numru ta' fallimenti għadu magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-anqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza għandhom numru ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżiċċentiv għall-preżentazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, u ta' spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżiżu tal-proċedimenti<sup>(67)</sup>.
- (136) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet ta' proprietà huma partikolarment evidenti fir-rigward tas-sjeda tal-art u d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ.<sup>(68)</sup> L-art kollha hija proprietà tal-Istat (art rurali bi sjeda kollettiva u art urbana proprietà tal-Istat) u l-allokazzjoni tagħha tibqa' tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezziżżeen tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet huma regolarmen mhux irrispettati, u ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq<sup>(69)</sup>. Barra minn dan, l-awtoritatjet spiss isegwu miri politiċi speċifiċi, inkluż l-implementazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art<sup>(70)</sup>.
- (137) L-istess bħas-setturi l-oħraġn fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-prodott ikkonċernat huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġi Ċiniża dwar il-falliment, dwar il-kumpaniji u l-proprietà. L-effett ta' dan huwa li anki dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprietà. Dawk il-kunsiderazzjoni, abbażi tal-evidenza disponibbli, jidhru li huma kompletament applikabbli wkoll fis-settur kimiku, u għalhekk tal-erititol. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawk is-sejbiet.
- (138) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprietà fis-settur tal-prodott ikkonċernat.

<sup>(65)</sup> [https://www.sohu.com/a/756699103\\_121769698](https://www.sohu.com/a/756699103_121769698)

<sup>(66)</sup> Artiklu maħruġ fl-4 ta' April 2024, sors il-Bureau ta' Binzhou tat-Tassazzjoni, disponibbli fuq: [https://shandong.chinatax.gov.cn/art/2023/4/4/art\\_216\\_691244.html](https://shandong.chinatax.gov.cn/art/2023/4/4/art_216_691244.html) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(67)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 6, p. 171-179.

<sup>(68)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 9, p. 260-261.

<sup>(69)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 9, p. 257-260.

<sup>(70)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 9, p. 252-254.

3.2.7. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni*

- (139) Sistema ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa bis-sħiħ fir-RPĊ peress li l-ħaddiema u l-impiegaturi jiġu ostakolati fid-drittijiet tagħhom għall-organizzazzjoni kollettiva. Ir-RPĊ ma rratifikatx numru ta' konvenzionijiet esenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv<sup>(71)</sup>.
- (140) Skont il-liġi nazzjonali, hija attiva organizzazzjoni ta' trade union waħda biss. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali<sup>(72)</sup>. Barra minn dan, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurà soċjali u oħrajn lir-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari.
- (141) Dan tipikament jirriżulta fli ħaddiema li ma jkollhomx reġistrazzjoni tar-residenza lokali jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impieg vulnerabbi u jircieu introtu aktar baxx mid-detenturi ta' reġistrazzjoni tar-residenza<sup>(73)</sup>. Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fir-RPĊ.
- (142) Ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-erititol ma jkunx soġġett għas-sistema tal-liġi tax-xogħol taċ-Ċina deskritta. Għalhekk, is-settur huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat jew tal-materja prima ewlenja għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (f'termini ta' aċċess għall-kapital jew għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ).

3.2.8. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku: l-aċċess għal finanzjament mogħi minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi tal-ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxu indipendentement mill-Istat*

- (143) L-aċċess għal kapital għal atturi korporattivi fir-RPĊ huwa soġġett għal diversi distorsjoni.
- (144) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-istat<sup>(74)</sup>, li meta jaġħtu aċċess għall-finanzjament, iqis u kriterji oħra għajnej il-viċċabiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu konnessi mal-istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-oħla eżekutti ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP)<sup>(75)</sup> u jimplimentaw regolarmen politiki pubbliċi mfassla mill-GTĊ.
- (145) Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċi li jwettqu n-negozju tagħħom fkonformità mal-ħtiġijet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-għida tal-politiki industrijni tal-istat<sup>(76)</sup>. Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjoni legħi jirreferu għall-ħtieġa li jiġi rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tigħiġi l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza massiva, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjoniċċi tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjoniġiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

<sup>(71)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolo 13, p. 360–361, 364–370.

<sup>(72)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolo 13, p. 366.

<sup>(73)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolo 13, p. 370–373.

<sup>(74)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolo 6, p. 137–140.

<sup>(75)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolo 6, p. 146–149.

<sup>(76)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolo 6, p. 149.

- (146) Pereżempju, il-GTĊ iċċara li anki d-deċiżjonijiet bankarji kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet ġenerali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissahħħah it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, fosthom fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni<sup>(77)</sup>. Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa għandhom iqisu, b'mod partikolari, kif l-entitajiet "jaqdu l-objettivi ta' żvilupp nazzjonali u l-ekonomija reali", u b'mod partikolari kif "jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti".<sup>(78)</sup>
- (147) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu spiss ikunu distorti għal varjetà ta' raġunijiet inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju hija influenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u s-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita mill-gvern<sup>(79)</sup>. Dan huwa aggravat minn regoli eżistenti addizzjonal, li jidderieġu l-finanzi f'setturi deżejnati mill-gvern bħala mħeġġa jew rilevanti b'xi mod ieħor<sup>(80)</sup>. Dan jirriżulta fi preġudizzju favur li jingħata self lill-SOEs, lil ditti privati kbar u b'konnessjonijiet tajbin u lil ditti f'setturi industrijni ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital mhumiex ugħwali għall-atturi kollha fis-suq.
- (148) It-tieni nett, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jiġi stimulat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv ta' investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profitabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi operati fis-sistema bankarja ma jsegwux risponsi kummerċjali normali.
- (149) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet il-liberalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax nominali, is-sinjal tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem ta' self fir-rata ta' referenza jew taħtha kien għadu jirrapreżenta mill-inqas terz tas-self kollu fl-aħħar tal-2018<sup>(81)</sup>. Il-midja uffiċjali fir-RPĊ dan l-aħħar irrapportat li s-CCP talab "li r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self tiġi ggwidata 'l-isfel"<sup>(82)</sup>. Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi twaqqiqiż ħażi tal-prezzijiet, u konsegwentement fl-użu eċċessiv tal-kapital.
- (150) It-tkabbir tal-kreditu ġenerali fir-RPĊ jindika effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital li sejra għall-agħar mingħajr ebda sinjal ta' restrizzjoni ta' kreditu li tkun mistennija f'ambjent tas-suq mhux distort. B'rīżultat ta' dan, is-self improduttiv żidied b'mod rapidu, u l-GTĊ għażiela numru ta' drabi li jew jevita l-inadempjenzi, biex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħin kumpaniji "żombi", jew li jittrasferixxi s-sjeda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambju ta' dejn ma' ekwitā), mingħajr ma neċessarjament jelimina l-problema ġenerali tad-dejn jew jindirizza l-kawżi ewlenin tagħha.
- (151) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttieħdu biex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiv fir-RPĊ hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti bħala riżultat tar-rwol pervażiv kontinwu tal-istat fis-swieg kapitali. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati serjament fil-livelli kollha.

<sup>(77)</sup> Ara d-dokument ta' politika uffiċjali tal-Kummissjoni Regolatorja taċ-Ċina dwar l-Attività Bankarja u l-Assigurazzjoni tat-28 ta' Awwissu 2020: *Pjan ta' azzjoni ta' l-istat fir-rigward tal-governanza korporattiva fis-settur bankarji u tal-assigurazzjoni (2020-2022)*: <http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928> (aċċessat fit-8 ta' April 2024). Il-Pjan jagħti struzzjonijiet biex "jīġi implementat aktar l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ĝeneralu Xi Jinping dwar l-avanz tar-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju". Barra minn hekk, it-taqṣima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "aħna għandna nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri [...] Il-Kunitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-manġġment superjuri".

<sup>(78)</sup> Ara l-Avviż dwar il-Metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali tas-CBIRC, maħruġ fil-15 ta' Diċembru 2020: [http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/20210104\\_3638904.htm](http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/20210104_3638904.htm) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(79)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 6, p. 157-158.

<sup>(80)</sup> Rapport Aġġornat – Kapitolu 6, p. 150-152, 156-160, 165-171.

<sup>(81)</sup> OECD (2019), OECD Economic Surveys: China 2019, OECD Publishing, Pariġi, p. 29, disponibbli fuq: [https://doi.org/10.1787/eco\\_surveys-chn-2019-en](https://doi.org/10.1787/eco_surveys-chn-2019-en) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

<sup>(82)</sup> [http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content\\_5504241.htm](http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content_5504241.htm) (aċċessat fit-8 ta' April 2024).

- (152) Ma kienet sottomessa l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott ikkonċernat mhuwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tar-Regolament bażiku, l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati serjament fil-livelli kollha.

### 3.2.9. *Natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti*

- (153) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport aġġornat huma karakteristiċi għall-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq kif ukoll fil-Parti I tar-Rapport aġġornat japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess jgħodd għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit hawn fuq u fil-Parti II tar-Rapport aġġornat.
- (154) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott ikkonċernat, huma meħtieġa ċerti inputs. Meta l-produtturi tal-prodott ikkonċernat jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li dawn iħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settū finanzjarju/fl-allocazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u fis-setturi kollha. Dawn id-distorsjonijiet ġew deskritti fid-dettall b'mod partikolari fit-taqṣima 3.2.2 hawn fuq. Il-Kummissjoni indikat li l-istruttura regolatorja li tirfed dawk id-distorsjonijiet hija ġeneralment applikabbli, perek li l-produtturi tal-eritritol huma soġġetti għal dawk ir-regoli bħal kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fir-RPĊ. Għalhekk, id-distorsjonijiet għandhom effett dirett fuq l-istruttura tal-kostijiet tal-prodott ikkonċernat.
- (155) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet kollha tal-input (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.). huma affettwati wkoll minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport aġġornat.
- (156) Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allocazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnisu kien prodott fir-RPĊ permezz tat-taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqja.
- (157) F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

### 3.2.10. *L-argumenti tal-partijiet interessati*

- (158) Is-CCCMC issottomett kummenti, b'mod partikolari rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Is-CCCMC affermat li għal għadd ta' raġunijiet l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija inkompatibbli mal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dmping.
- (159) Il-Kummissjoni tenniet il-fehma tagħha li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa kompletament konformi mal-obbligi tal-UE skont il-liġi tad-WTO, b'mod partikolari d-dispożizzjoniżiet tal-ADA. Il-Kummissjoni nnotat li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija stabilita fuq livell nazzjonali, u, jekk tkun stabilita, trendi l-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur inadatti għall-kalkolu tal-valur normali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprovd għall-kalkolu tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ fuq il-bażi ta' prezziżiet jew ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur.

### 3.2.11. Konklużjoni

- (160) L-analiżi stabbilita f'din it-taqsim, li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent taċ-Ċina fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali kif ukoll fis-setturi ikkonċernat uriet li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għaliex huma affettwati minn intervent sostanziali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkti fihi.
- (161) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan il-każ, ma huwiex xieraq li jintużaw prezziż u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali.
- (162) Konsegwentement, il-Kummissjoni proċediet biex tikkalkola l-valur normali eskużiżivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezziż jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentativ xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsim li ġejja.

## 3.3. Pajjiż rappreżentattiv

### 3.3.1. Rimarki ġenerali

- (163) L-ġhażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:
- Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross ras simili għal dak tar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji (⁽³⁾);
  - Il-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat f'dak il-pajjiż;
  - Id-disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv; u
  - Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.
- (164) Kif spjegat fil-premessi (40) sa (56), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza sottostanti għall-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li waslu mill-partijiet dwar dawn l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti.
- (165) Fit-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħħiha li tqis lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

### 3.3.2. Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ

- (166) Fl-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni identifikat il-Kolombja, il-Brażil, it-Tajlandja, l-Argentīna, l-Ekwador, il-Messiku, il-Perù, l-Afrika t'Isfel u t-Turkija bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri huma kollha kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi b' "introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross.
- (167) Madankollu, kif spjegat fil-premessi (40) sa (52) hawn fuq, il-prodott investigat jidher li huwa prodott biss f'pajjiżi li l-ebda wieħed minnhom ma huwa pajjiż b'livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ skont il-kriterji msemmi fil-premessa (163) hawn fuq.

(⁽³⁾) World Bank Open Data – Upper Middle Income, <https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income>.

### 3.3.3. *Produzzjoni ta' prodotti fl-istess kategorija u/jew settur ġeneralji*

- (168) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aċidu ċitriku kien prodott proxy xieraq fl-istess kategorija ġeneralji u/ jew settur bħall-prodott li qed jiġi investigat bl-għan li jiġi identifikat valur mingħajr distorsjoni f-pajjiż rappreżentattiv b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ għall-istess fatturi ta' produzzjoni użati fil-produzzjoni tal-eritritol. L-ebda parti interessata ma kkontestat din il-konklużjoni.
- (169) F'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, tqies li d-data finanzjarja għall-produtturi tal-aċidu ċitriku tista' titqies bħala rappreżentattiva wkoll għall-produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat.

### 3.3.4. *Id-data rilevanti disponibbli fil-pront fil-pajjiżi rappreżentattivi potenziali*

- (170) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni investigat liema data finanzjarja hija disponibbli fil-pront għall-pajjiżi msemmija fil-premessa (166). Il-Kummissjoni sabet tali data f'Orbis għal kumpanija fl-Ekwador, oħra fil-Kolombja, oħra fil-Messiku, oħra fil-Perù, oħra fl-Afrika t'Isfel, oħra fl-Arġentina, tmien kumpaniji fit-Turkija, erba' kumpaniji fil-Brażil u sitt kumpaniji fit-Tajlandja. Ir-rapporti finanzjarji disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-kumpaniji kollha fl-Arġentina, l-Ekwador, il-Messiku, il-Perù, l-Afrika t'Isfel u t-Turkija u fit-Tajlandja ma kinux xierqa minħabba li jew ma kinux kompluti u/jew qodma wisq, jew żvelaw li l-kumpanija kkonċernata kienet qed tagħmel it-telf.
- (171) Il-Kummissjoni imbagħad analiżżeż it-tliet pajjiżi rappreżentattivi possibbli li jmiss b'livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ fejn hu prodott l-aċidu ċitriku u li għaliex kien hemm disponibbli rapporti finanzjarji li juru profitti: Il-Brażil, il-Kolombja u t-Tajlandja. Il-Kummissjoni innotat l-eżistenza, fdak il-mument, ta' data finanzjarja faċilment disponibbli minn Orbis għas-sena 2022 għal manifattur wieħed tal-aċidu ċitriku fil-Brażil (Cargill Agricola S.A.), manifattur wieħed tal-aċidu ċitriku fil-Kolombja (Sucroal S.A.) u tliet manifatturi tal-aċidu ċitriku fit-Tajlandja (Sunshine Biotech International Co. Ltd.; COFCO Biochemical (it-Tajlandja) Co. Ltd.; Thai Industrial Citric Co. Ltd.), flimkien ma', għas-sena 2020, manifattur wieħed tal-aċidu ċitriku fil-Brażil (Primary Products Ingredients Brasil S.A.).
- (172) Fil-kummenti għall-Ewwel Nota, l-ebda parti ma pproponiet pajjiżi rappreżentattivi possibbli b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku għar-RPĊ li sihom jiġi prodott l-aċidu ċitriku għajr dawk it-tlieta.
- (173) Fil-kummenti tagħha dwar l-Ewwel Nota, Dongxiao Biotechnology Co., Ltd. appellat għall-użu tal-Brażil filwaqt li pproponiet li tuża lit-Tajlandja biex issib valur mingħajr distorsjoni għall-glukożju biss. Il-kumpanija argumentat li dan kien konformi mal-prattika tal-Kummissjoni FR728 – Rieżami ta' Skadensa dwar l-Azzar Silikon-elettriku Rrumblat Ċatt orjental lejn iċ-Ċereali, fejn il-Kummissjoni użat il-Brażil bħala l-pajjiż rappreżentattiv iżda sabet il-valur mingħajr distorsjoni għall-idroġenu permezz tal-użu ta' data tal-akbar pajjiż esportatur tal-idroġenu madwar id-din ja (il-Kanada).
- (174) Il-Kummissjoni l-ewwel innotat li l-rattika amministrattiva tagħha tal-passat ma kinitx vinkolanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku (⁸⁴). Barra minn hekk, l-importazzjoni tal-glukożju fit-Tajlandja jorġiñaw kważi eskluissivament mir-RPĊ li tiddiskwalika l-użu ta' din id-data.
- (175) Fil-kummenti tagħha dwar l-Ewwel Nota, Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. appellat għall-użu tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv għar-raġuni li l-Brażil kelle produzzjoni ta' prodotti simili għall-prodotti li qed jiġi investigati, jiġifieri l-aċidu ċitriku; li l-kumpanija Braziliana Cargill Agricola S.A. kienet profitabbli għas-sena 2022, li tkopri parti mill-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023); li d-data dwar l-importazzjoni Braziliana (għal skop ta' sostituzzjoni) ta' kważi l-Fatturi ta' Produzzjoni magħrufa kollha setgħet tinstab fl-hemja mal-Ewwel Nota, u li l-Ewwel Nota tal-Kummissjoni ma indikat l-ebda distorsjoni tal-kummerċ fil-Brażil li taffettwa l-inputs għall-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat.

<sup>(⁸⁴)</sup> Eż. is-Sentenza tas-6 ta' Lulju 2022, Zhejiang Hangtong Machinery Manufacture u Ningbo Hi-Tech Zone Tongcheng Auto Parts vs Il-Kummissjoni, T-278/20, ECLI:EU:T:2022:417, il-punt 70.

- (176) L-ilmentatur qajjem dubji dwar l-adegwatezza tad-data finanzjarja miż-żewġ kumpaniji Brażiljani fl-Ewwel Nota (jiġifieri Cargill Agricola S.A. u Primary Products Ingredients Brasil S.A.) għar-raġuni li t-tnejn jappartjenu għal gruppi u li l-influwenza tal-grupp fuq id-data finanzjarja kienet diffiċli biex tiġi vvalutata. Hija nnotat ukoll li t-tnejn jimmanfatturaw kif ukoll/jew ibiegħu firxa varjata ta' prodotti. Fir-rigward ta' Cargill Agricola S.A., l-ilmentatur żied li l-fatturat ta' Cargill Agricola S.A. kien madwar 150 darbiet il-fatturat tal-kumpanija Kolombjana Sucroal S.A. (għal kapaċità ta' produzzjoni simili) u li Cargill Agricola S.A kellha l-profil finanzjarju ta' kumpanija kummerċjali. Fir-rigward ta' Primary Products Ingredients Brasil S.A., l-ilmentatur innota bidla fis-sjeda u n-nuqqas ta' data finanzjarja tal-2022 ippubblikata.
- (177) L-ilmentatur qajjem ukoll dubji dwar l-adegwatezza tad-data finanzjarja mit-tliet kumpaniji Tajlandiżi fl-Ewwel Nota (i.e. Sunshine Biotech International Co. Ltd.; Cofco Biochemical (it-Tajlandja) Co. Ltd. and Thai Industrial Citric Co. Ltd.). Għall-ilmentatur, mingħajr data aktar dettaljata u awditjata b'mod indipendenti, id-data tal-ewwel żewġ kumpaniji Ċiniżi fit-Tajlandja, bilkemm kienet affidabbli għad-determinazzjoni ta' valuri mingħajr distorsjoni. Barra minn hekk, fil-fehma tagħha l-influwenza tal-gruppi li għalihom jappartjenu Sunshine Biotech International Co. Ltd. u Cofco Biochemical (it-Tajlandja) Co. Ltd. ikollha impatt fuq id-data u l-prestazzjoni tal-kumpanija li huwa inċert mingħajr rapporti tal-awditjar indipendenti dettaljati dwar il-kumpaniji u l-gruppi. Barra minn hekk, l-ilmentatur iddiķjara li ż-żewġ kumpaniji jkunu orjentati lejn l-esportazzjoni bl-għan ewljeni li jfornu l-acċidu ċitriku lill-Istati Uniti sal-punt li l-vjeġġi ta' acċidu ċitriku ta' oriġini Činiżja jkunu soġġetti għal dazji għoljin meta jiġu importati fl-Istati Uniti. L-ilmentatur żied li l-volumi tal-produzzjoni fit-Tajlandja kienu żgħar meta mqabbila mal-produzzjoni fir-RPĊ u l-konsum tal-aċcidu ċitriku stmat fit-Tajlandja huwa ta' 30 000 - 40 000 tunnellata fis-sena.
- (178) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-ilmentatur talab għall-użu tal-Kolombja aktar milli l-Brażil u t-Tajlandja.
- (179) Il-Kummissjoni qablet mal-ilmentatur li d-data finanzjarja tal-kumpanija Brażiljana Primary Products Ingredients Brasil S.A.ma kinitx l-aktar waħda xierqa sal-punt li hija skaduta. Id-data inkiwstjoni kopriet is-sena finanzjarja 2020 filwaqt li l-perjodu ta' investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023.
- (180) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni kompliet tinvestiga liema data finanzjarja hija disponibbli għall-pajjiżi identifikati fin-Nota tal-21 ta' Diċembru 2023, jiġifieri l-Brażil, il-Kolombja u t-Tajlandja. L-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni f'dak l-istadju kienet l-istess bħal dik deskritta fl-Ewwel Nota (ara l-premessa (171)), ħlief għall-fatt li l-Kummissjoni kisbet informazzjoni aktar dettaljata u disponibbli għall-pubbliku għall-2022 għall-produttur tal-aċcidu ċitriku Kolombjan Sucroal S.A. (minn Supersociedades, kif spjegat fil-premessa (222)). L-ebda livell ta' tali dettall ma kien disponibbli għall-kumpaniji l-oħrajn fil-pajjiżi potenzjali l-oħra.
- (181) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni finanzjarja disponibbli għall-kumpanija Kolombjana Sucroal S.A. kienet l-aktar xierqa biex tintuża. Barra minn hekk, il-fatturat ta' Sucroal S.A. huwa bejn il-fatturat tal-akbar u l-iż-ġħar produtturi Ċiniżi tal-eritritol fil-kampjun. L-ebda parti ma kkontestat dawn it-tliet fatti u lanqas ma ressinq informazzjoni finanzjarja minn xi kumpanija alternattiva.
- (182) Fil-kummenti tagħha dwar it-Tieni nota Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. qajmet dubji dwar l-użu tal-SG&A u l-profitt minn Sucroal S.A. Dawk il-kummenti huma indirizzati fit-taqṣima 3.4.9 hawn taħt u ma jbiddlux il-konklużjoni fil-premessa hawn fuq.

### 3.3.5. Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

- (183) Wara li ġie stabbilit li l-Kolombja kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha ta' hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali fkonformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

### 3.3.6. Konklużjoni

- (184) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kolombja ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

### 3.4. Sorsi użati biex jiġu stabiliti l-kostijiet u l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni

- (185) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produuzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat mill-produttur esportatur u stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw u jiproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemija f'dik in-nota.
- (186) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li sabiex tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-Global Trade Atlas<sup>(85)</sup> ("GTA", Global Trade Atlas) biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-materja prima. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se tuża l-prezzijiet tal-elettriku disponibbli għall-pubbliku mill-Kolombja<sup>(86)</sup> għad-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku kif ukoll għall-gass u l-fwar (bl-użu ta' tabelli ta' konverżjoni bejn m<sup>3</sup>/tunnellata u kWh), u l-Istatistika tal-ILO<sup>(87)</sup> għad-determinazzjoni tal-kostijiet lavorattivi.
- (187) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi tal-produuzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdev informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produuzzjoni, dawn il-partiti negliġibbli kienu raggruppati taħt "oġġetti tal-konsum". Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat li hija se tikkalkula l-perċentwal tal-oġġetti tal-konsum fuq il-kost totali tal-materja prima u se tapplika dan il-perċentwal għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabiliti fil-pajjiż rappreżentativ xieraq.

#### 3.4.1. Fatturi ta' Produzzjoni

- (188) Meta titqies l-informazzjoni kollha sottomessa mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni ("FOP", Factors of Production) li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

*Tabella 1*

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Sors tad-data	Valur (CNY)	Unità ta' kejl
<b>Materja Prima Ewlenija</b>				
Qamħirrum	1005 90 11/1005 90 0090	GTA	2,138	Kg
Qamħirrum, Organiku	1005 90 11/1005 90 0090	Valur GTA + 20 % <sup>(1)</sup>	2,565	Kg
Lamtu tal-qamħirrum	1108 12 0000	GTA	6,294	Kg
Lamtu tal-qamħirrum, organiku	1108 12 0000	Valur GTA + 20 % <sup>(2)</sup>	7,553	Kg
Glukożju/Monoidrat tal-glukożju	1702 30 10/1702 30 0000	GTA	7,448	Kg
<b>Materjali anċillari</b>				
Ħmira attiva	2102 10 0000	GTA	22,889	Kg
Ħmira inattiva <sup>(3)</sup>	2102 20 11	GTA	49,569	Kg
Ċitrat tal-ammonju	2918 15 0000	GTA	17,525	Kg

<sup>(85)</sup> Global Trade Atlas, Disponibbli fuq: <https://connect.ihsmarkit.com/gta/home>.

<sup>(86)</sup> Ara <https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html>. Għal kull xahar, jiġu rrapporati prezziżiet għal Tarifas de energia electrica (\$/kWh)/Sector no residencial/Nivel 2/Industrial sin contribucion/Doble horario (binhar u billej).

<sup>(87)</sup> [https://www.ilo.org/shinyapps/bulkexplorer51/?lang=en&segment=indicator&id=EAR\\_XEES\\_SEX\\_ECO\\_NB\\_Q](https://www.ilo.org/shinyapps/bulkexplorer51/?lang=en&segment=indicator&id=EAR_XEES_SEX_ECO_NB_Q)

Likur tal-ammonju (⁴)	2814 1000	GTA	4,798	Kg
Sulfat tal-Ammonju (⁵)	3102 2100	GTA	1,65	Kg
Amilażi/a-ami-laži/Enżima sakkari-kanti/Ċellulażi	3507 90 9000	GTA	97,257	Kg
Karbonju attivat fi kwalunkwe forma	3802 10 0000	GTA	25,351	Kg
Polidimethylsilossan (ágent kontra r-ragħwa)	3910 0000	GTA	72,375	Kg
Karbonat tal-manjeżju	2519 1000	GTA	14,757	Kg
Sulfat tal-manjeżju	2833 21 00	GTA	9,751	Kg
Aċidu ċitriku	2918 14 0000	GTA	15,282	Kg
Melħ (⁶)	2501 0000	GTA	0,474	Kg
Dolċifikant abbażi tal-Monk Fruit	2938 90 9090	GTA	500,721	Kg
Stevja	2938 90 9090	GTA	500,721	Kg

**Manodopera**

Manodopera	[Mhux Disponibbli]	ILO	18	Siegħa Lavorattiva

**Enerġija**

Gass naturali	[Mhux Disponibbli]	<a href="https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/">https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/</a>	RMB 3,85/m³ (abbażi ta' 0,3658 għal kull kWh u jieħu 10,55 kWh għal kull m³ ta' gass (jew 5 364,43 għal kull tunnellata metrika)	Metru kubu
Elettriku	[Mhux Disponibbli]	<a href="https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html">https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html</a>	RMB 1,3646 għal kull kWh	kWh
Fwar	[Mhux Disponibbli]	<a href="https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/">https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/</a>	RMB 263,55 (abbażi tal-prezz ta' 1 m³ ta' gass għall-produzzjoni ta' tunnellata waħda ta' fwar)	Metru kubu ta' gass meħtieġ għall-produzzjoni tal-fwar
Ilma	[Mhux Disponibbli]	<a href="https://www.acueducto.com.co">https://www.acueducto.com.co</a>	RMB 16,93	Metru kubu

**Prodott sekondarju/Skart**

Ħmira	2102 10 0000	GTA	1 - 4 (⁷)	Kg
Residwu ta' filtrazzjoni (proteina) immirat lejn l-għalf tal-annimali	2308 0000	GTA	1,363	Kg

Likur omm tal-eritritol	2905 4900	GTA	0,1	Kg
Likur konċentrat tal-qamħirrum/Nibbieta tal-qamħirrum/Fibra tal-qamħirrum	2303 1000	GTA	5,049	Kg
Proteina likwida/Trab tal-proteini	2308 0000	GTA	1,363	Kg

(<sup>1</sup>) Il-mark-up għall-qamħirrum *organiku* hija bbażata fuq id-differenza medja ponderata fil-prezzijiet bejn il-qamħirrum mixtri jew il-kwalità standard u x-xiri tal-qamħirrum/qamħirrum ta' kwalità organika mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fir-RPĊ.  
 (<sup>2</sup>) Il-mark-up għal-lamtu tal-qamħirrum *organiku* huwa bbażat fuq id-differenza medja ponderata fil-prezzijiet bejn il-lamtu tal-qamħirrum mixtri jew il-kwalità standard u l-lamtu tal-qamħirrum ta' kwalità *organika* mixtri mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ fil-kampjun.  
 (<sup>3</sup>) Il-Ħmira inattiva żidied mal-lista tal-FOPs wara l-ħruġ tat-Tieni Nota.  
 (<sup>4</sup>) Il-FOP miżjud mal-lista wara l-ħruġ tat-Tieni Nota.  
 (<sup>5</sup>) Is-sulfat tal-ammonju żidet mal-lista tal-FOPs wara l-ħruġ tat-Tieni Nota.  
 (<sup>6</sup>) Il-melħ ġie miżjud mal-lista tal-FOPswara l-ħruġ tat-Tieni Nota  
 (<sup>7</sup>) Valuri spċifici għall-kumpanji minħabba l-proporzjon bejn il-prezz tiegħu ta' materja prima u l-prezz ta' materjal tal-iskart miksub minnu.

(189) Wara l-ħruġ tat-Tieni Nota, il-lista tal-FOPs tqassret aktar minħabba n-nuqqas ta' prezziżżej ta' importazzjoni fil-Kolombja mill-GTA. Għalhekk, il-valuri tagħhom ġew miżjud mal-valur tal-materjal konsumabbli:

- Fosfati tal-potassju, jiġifieri fosfat diidrogenat tal-potassju jew fosfat tad-dipotassju
- Aġenti kontra l-iskala

(190) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq. Sabiex tistabbilixxi dan l-ammont, il-Kummissjoni użat il-kostijiet tal-manifattura rrapportati tal-produtturi esportaturi li ma kinux ġew inklużi fil-FOP individwali ta' hawn fuq, bħad-deprezzament u l-kostijiet għall-manutenzjoni.

(191) Barra minn hekk, minbarra l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura rrappurtati, il-Kummissjoni inkludiet ukoll il-kostijiet imġarrba għar-riċerka u l-iżvilupp sal-punt li ma kinux ġew inklużi fil-kostijiet tal-manifattura.

(192) L-ammonti tagħhom ittieħdu mit-tweġibet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi. L-ammont ġdid għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura kien espress bħala perċentwal u ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura kkalkolati mill-ġdid.

#### 3.4.2. Materja prima

(193) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sal-bieb ta' produttur rappreżentativ tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni lejn il-Kolombja kif irrapportat fil-GTA li jinkludi d-dazji tal-importazzjoni applikabbi fil-Kolombja għall-Kodiċi HS rispettiv.

(194) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produtturi esportaturi li kkooperaw għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost reali ta' materja prima bħal din u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex jinkiseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tat-trasport tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

- (195) Il-prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha, bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li mhumiex membri tad-WTO, elenkti fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(88)</sup>. Il-kwantitajiet li fadal kienu kkunsidrati bħala rappreżentattivi.
- (196) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-pajjiż rappreżentattiv, billi hija kkonkludiet fil-premessi (60) u (157) li mhuwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemmx evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettawawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istess distorsjonijiet affettawaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni.
- (197) Għal għadd ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet effettivi mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw sehem neglīgbibli tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni. Billi l-valur użat għal dawn ma kellu l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet f'oġġetti tal-konsum kif spjegat fil-premessa (187).
- (198) L-Anness I tal-Ewwel Nota elenka d-diversi materji primi rrapporġati mill-produtturi esportaturi li kkooperaw flivell ta' Kodiċi SA b' 6 ċifri jew fl-livell aktar dettaljat jekk disponibbli.
- (199) Fil-kummenti tagħha dwar l-Ewwel Nota, Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. issottomettiet li l-prezzijiet tal-importazzjoni ta' pajjiż terz la jirriflettu l-prezzijiet domestiċi attwali f'dak il-pajjiż, u lanqas il-prezzijiet tax-xiri fil-pajjiż ikkonċernat u li, għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun miftuħa wkoll li taċċetta sorsi oħra ta' data disponibbli għall-pubbliku, bħall-prezz tal-bejgħ domestiku fpajjiż terz jew prezzijiet internazzjonali oħra. Dongxiao Biotechnology Co., Ltd. żiedet li l-prezz ta' input mixtri domistikament jenħtieġ li jiġi sostitwit bi prezz tal-importazzjoni fuq bażi FOB.
- (200) Il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jippreskrivi l-użu ta' data korrispondenti f'pajjiż rappreżentattiv xieraq "sakemm id-data rilevanti tkun disponibbli fil-pront."
- (201) Il-Kummissjoni ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha data dwar il-prezzijiet domestiċi fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali. B'kuntrast ma' dan, id-data dwar il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-pajjiżi rappreżentattivi xierqa potenzjali hija disponibbli fil-pront u għalhekk il-Kummissjoni użat il-GTA bħala s-sors ta' din id-data. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li, permezz tal-forzi tal-kompetizzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali kienu riflessjoni bir-reqqa tal-prezzijiet domestiċi rilevanti.
- (202) Barra minn hekk, il-Kummissjoni eskludiet ukoll data dwar l-importazzjonijiet fil-pajjiż rappreżentattiv mir-RPĊ biex tiddetermina l-prezzijiet referenzjarji rilevanti. Sakemm il-kwantitajiet tal-importazzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni jkunu rappreżentattivi biżżejjed u ma jkun hemm l-ebda ċirkostanza spċċifika oħra li tagħmilhom mhux xierqa, ma hemm l-ebda raġuni oġġettiva biex dawn jiġu eskużi.
- (203) Għalhekk, fin-nuqqas ta' evidenza għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet tal-parti filwaqt li nnotat li hija l-praktika tal-Kummissjoni li taġġusta l-prezzijiet tal-importazzjoni għat-taxxi tal-importazzjoni biex jirriflettu l-prezz tas-suq tal-fattur tal-produzzjoni inkwistjoni fil-pajjiż rappreżentattiv.
- (204) Matul il-verifika fuq il-post tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni rfinat il-korrispondenza bejn in-nomenklaturi Ċiniżi u dawk Kolombjani. Ir-riżultat tal-korrispondenza rfinuta ġie ppreżentat fit-Tieni Nota.
- (205) Bi tweġiba għat-Tieni Nota, Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. argumentat li l-prezz għall-FOP Glukożju jirrappreżenta l-glukożju fil-forma solida tiegħu u li l-prezz irid jirrifletti l-perċentwal tal-glukożju solidu fil-ġulepp tal-glukożju użat. Il-Kummissjoni qablet ma' dan il-punt u għamlet korrezzjoni tal-prezz referenzjarju għal dik il-kumpanija.
- (206) Fir-rigward tad-dazji tal-importazzjoni applikabbi għall-importazzjonijiet tal-FOPs, dawn ġew inklużi fil-prezz referenzjarju użat.

<sup>(88)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ġerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-finu tad-determinazzjoni tal-valur normali.

### 3.4.3. Prodotti sekondarji

- (207) Il-Kummissjoni analizzat il-prattiki kontabilistiċi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun li jappartjenu għal prodotti sekondarji u skart. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni użat il-kwantitajiet ta' prodotti tal-iskart mibjugħa u naqqset l-Ispiża tal-Manifattura, bl-użu tal-prezzijiet Kolombjani tal-Kodiċi HS jekk disponibbli.
- (208) Għal dawk il-prodotti tal-iskart li għalihom kien disponibbli biss prezz tall-prodott primarju, fl-assenza ta' kwalunkwe data oħra disponibbli, il-Kummissjoni ħadet b'mod proviżorju l-proporzjon bejn il-prezz fir-RPĊ għall-prodott tal-iskart imqabbel mal-prezz fir-RPĊ għall-prodott primarju rrapporat mill-produtturi esportaturi. Il-proporzjon ta' bejniethom imbagħad kien applikat għall-prezz tal-prodott primarju fil-Kolombja, kif derivat mill-GTA.

### 3.4.4. Manodopera

- (209) Il-Kummissjoni użat l-aħħar data disponibbli għall-pubbliku mill-istatistika tal-ILO <sup>(89)</sup> biex tiddetermina l-pagi fissettur tal-industrija fil-Kolombja. Il-valur medju ta' kull xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni ġie aġġustat kif xieraq għal kontribuzzjonijiet oħra billi tiżidied is-sigurtà soċjali mhalla mill-impiegatur inkluża t-taxxa fuq il-pensjoni u r-riskju professionali: 12 % bħala kontribuzzjoni tal-impiegatur għall-fond tal-pensjoni, 8,5 % għall-assigurazzjoni tas-saħħa, 1-2 % għall-Fond tal-Pensjoni ta' Solidarjet u 4-9 % għat-taxxi fuq il-pagi <sup>(90)</sup> <sup>(91)</sup>. Il-kost lavorattiv medju fis-siegħa għal kull FTE jammonta għal 18 CNY/siegħa tax-xogħol.
- (210) L-għadd ta' sīgħat irrapportat fit-tweġiba għall-kwestjonarju ġie aġġustat meta kien ġustifikat peress li l-għadd ta' sīgħat maħduma matul jum fil-fabbrika kien ta' 12-il siegħa minflok 8 sīgħat.

### 3.4.5. Elettriku

- (211) Il-Kummissjoni użat ir-rati tal-prezz tal-elettriku rilevanti għall-utenti industriali kif ippubbliki mill-fornitur ewljeni tal-elettriku fil-Kolombja Enel <sup>(92)</sup> fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-elettriku industriali fil-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet 10 % <sup>(93)</sup> sabiex tqis elementi oħra tal-kont bħall-imposti tad-distribuzzjoni.
- (212) Il-prezz għal kull kWh meħud minn dan is-sors ammonta għal USD 0,18/kWh, jew CNY 1,24 + 10 % għall-imposti tad-distribuzzjoni.
- (213) Fit-tweġiba tagħha għat-Tieni Nota Dongxiao Biotechnology Co., Ltd. esprimiet dubji dwar l-użu tal-prezzijiet tal-elettriku mill-Kolombja bħala allegatament minfuħa, parżjalment minħabba l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli minflok il-faħam. Barra minn hekk, fil-sehma tal-kumpanija, is-sors tal-elettriku fil-Kolombja ma huwiex komparabbi mat-tip ta' elettriku li Dongxiao Biotechnology Co., Ltd. fil-fatt tuża u ma huwiex rappreżentativ tiegħi.
- (214) Il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument bħala infondat. L-ebda sors disponibbli għall-pubbliku ma ppermetta lill-Kummissjoni tistabbilixxi sa liema punt il-prezzijiet tal-elettriku tal-Kolombja jkunu minfuħa, u lanqas ma kien hemm parametru referenzjarju affidabbli biex jitqabblu. Barra minn hekk, il-fatt li s-sorsi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-Kolombja u fir-RPĊ ma jirriflettux lil xulxin muhiex raġuni biex jiġi rrifsjutati l-prezzijiet tal-elettriku fil-Kolombja.

<sup>(89)</sup> <http://www.ilo.org>

<sup>(90)</sup> <https://www.dlapiperintelligence.com/goingglobal/tax/index.html?t=19-employment-taxes>

<sup>(91)</sup> <https://taxsummaries.pwc.com/colombia/individual/other-taxes>; <https://www.papayaglobal.com/countrypedia/country/colombia/>; <https://tradingeconomics.com/colombia/social-security-rate>; <https://actualicese.com/cuanto-le-cuesta-a-un-empleador-la-contratacion-de-un-trabajador-que-devengue-un-salario-minimo/>.

<sup>(92)</sup> Ara <https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html>. Għal kull xahar, jiġu rrapporati prezziżiet għal Tarifas de energia electrica (\$/kWh)/Sector no residencial/Nivel 2/Industrial sin contribucion/Doble horario (binhar u billejl).

<sup>(93)</sup> Stima bbażata fuq it-tqabbi tar-rati tal-elettriku ppubbliki minn Enel mal-prezzijiet tal-elettriku inklużi l-oġġetti kollha fil-kont tal-elettriku bħall-kost tad-distribuzzjoni u l-enerġija, diversi imposti u taxxi ambjentali u tal-kostijiet tal-fjuwil kif ippubbliki għall-Kolombja f/[https://www.globalpetrolprices.com/electricity\\_prices](https://www.globalpetrolprices.com/electricity_prices)

### 3.4.6. Gass naturali

- (215) Il-Kummissjoni użat il-prezz tal-gass għan-negozji fil-Kolombja kif ippubblikat minn GlobalPetroPrices<sup>(⁹⁴)</sup> fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni użat il-medja tad-data disponibbli fl-ilment (jiġifieri l-medja għal konsumatur kbir tal-gass għall-perjodu tat-tieni nofs tal-2022 flimkien mal-ewwel nofs tal-2023, il-prezz li jammonta għal EUR 44,29 għal kull MWh) u l-prezz tal-gass naturali għan-negozji fil-Kolombja f'Ġunju 2023 (jiġifieri EUR 0,053 għal kull kWh). Dawn ir-rati jinkludu t-taxxi, tariffi u komponenti oħra tal-kont tal-gass. Huwa nnotat li 1 m<sup>3</sup> ta' gass naturali ≈ 10,55 kWh u l-kost ta' 1 kWh kien ġie stmat għal CNY 1,24 + l-imposti ta' distribuzzjoni hawn fuq.

### 3.4.7. Fwar

- (216) Il-kost tal-fwar ġie ddeterminat bl-użu tal-kost tal-gass naturali u l-kwantità ta' gass meħtieġa għall-produzzjoni tal-fwar. Fid-dawl tar-rati ta' konverżjoni tal-enerġija ġeneralment rikonoxxuti u tar-rati ta' konverżjoni mis-sħana għall-fwar, il-Kummissjoni kkalkulat li 68,29 m<sup>3</sup> ta' gass naturali huma meħtieġa għall-produzzjoni ta' 1 tunnellata ta' fwar.

### 3.4.8. Ilma

- (217) Il-kost tal-ilma ġie ddeterminat abbażi tal-kost tal-ilma minn fornituri tal-ilma Kolombjani<sup>(⁹⁵)</sup>, filwaqt li tqiesu l-kostijiet varjabbli għal kull m<sup>3</sup> u l-kostijiet fissi mqassma bejn il-kwantitajiet tal-konsum tal-ilma.

### 3.4.9. Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti

- (218) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont mingħajr distorsjoni u rägħonevoli għall-kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali ("SG&A") u għall-profitti. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmija hawn fuq.
- (219) Il-Kummissjoni użat il-kumpanija Kolombjana Sucroal S.A. bħala bażi għall-istabbiliment tas-SG&A u r-rati tal-profitt biex tibni l-valur normali. Il-Kummissjoni kkunsidrat li r-rati stabiliti b'dan il-mod iwasslu għal ammonti rägħonevoli ta' kostijiet SG&A u għal profit skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fuq livell ex works.
- (220) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura ma ġewx identifikati separatament fiċ-ċifri tal-kont tal-Profit u t-Telf disponibbli u nstabu li kienu inklużi fil-kost tal-oġġetti mibjugħha. Il-valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura sejkun ibbażat fuq id-data speċifika tal-kumpanija kif spjegat fil-premessa (190) u applikat fuq il-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura, biż-żejda tal-Kost imġarrab għar-Riċerka u l-Iżvilupp kif allokati lill-kumpanija fiċ-ċifri tal-kont tal-Profit u t-Telf tagħha.
- (221) Fit-tweġiba tagħha għat-Tieni Nota Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. qajmet dubji dwar l-użu ta' SG and profit from Sucroal S.A. bl-argument li ċ-ċifri tal-kumpanija ma kinu solidi, li s-sorsi disponibbli għall-pubbliku<sup>(⁹⁶)</sup> wrew tkabbir anormali f'termini tal-profit operatorju ta' Sucroal S.A. (EBIT) u tal-profitt nett; u talbet konferma dwar jekk SG&A ta' din il-kumpannija kienx affettwat minn donazzjonijiet ta' OAL, l-azzjonist prinċipali ta' Sucroal S.A, lil partiti politiċi.
- (222) Il-Kummissjoni kienet ibbażat is-sejbiet tagħha fuq informazzjoni disponibbli fil-pront. Peress li r-rapport finanzjarju sħiħ għal Sucroal S.A. ma huwiex disponibbli għall-pubbliku jew fil-pront, il-Kummissjoni setgħet tiddivulga biss id-data dwar il-profit u t-telf kif ipprovduta mis-Supersociedades<sup>(⁹⁷)</sup>. Barra minn hekk, Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. ma ppreżżentat l-ebda sors alternattiv għal data finanzjarja dettaljata faċiilment disponibbli għal Sucroal S.A. l-istqarrja għall-istampa ppreżżentata minn Dongxiao Biotechnology Co. Ltd. turi l-kumpaniji ta' OAL li jagħtu donazzjoni lil partiti politiċi<sup>(⁹⁸)</sup>; għalhekk, dik il-lista ma kinitx tinkludi Sucroal S.A. l-argumenti kontra l-użu ta' data finanzjarja faċiilment disponibbli minn Sucroal S.A. kif ippreżżentati fit-Tieni Nota ġew miċħuda.

<sup>(⁹⁴)</sup> [https://www.globalpetrolprices.com/natural\\_gas\\_prices/](https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/)

<sup>(⁹⁵)</sup> <https://www.acueducto.com.co>

<sup>(⁹⁶)</sup> [https://www.emis.cn/php/company-profile/CO/Sucroal\\_SA\\_en\\_1214927.html](https://www.emis.cn/php/company-profile/CO/Sucroal_SA_en_1214927.html)

<sup>(⁹⁷)</sup> Supersociedades huwa korp uffiċjali marbut mal-Ministeru tal-Kummerċ, l-Industria u t-Turiżmu Kolombjan, kif innotat f'<https://www.supersociedades.gov.co/web/nuestra-entidad>

<sup>(⁹⁸)</sup> <https://www.lasillavacia.com/silla-nacional/asi-donaron-las-empresas-a-los-partidos-politicos-en-2023/>

### 3.5. Kalkolu

- (223) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (224) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet ta' unità mingħajr distorsjoni għall-konsum reali tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-esportatur li kkoopera. Dawn ir-rati ta' konsum ipprovduti mill-applikant ġew ivverifikati matul il-verifika. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità osservati fil-Kolombja, kif elenkti fil-premessa (188).
- (225) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni applikat l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, il-kost tas-SG&A, u l-profitt kif innotat fil-premessa (218) sa (220). Dawn ġew iddeterminati abbażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Sucroal S.A.
- (226) Imbagħad, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u d-deprezzament mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura sabiex tasal għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni.
- (227) Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet tas-SG&A u l-profitt ta' Sucroal S.A. lill-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskrifti fil-premessa preċedenti. Il-kostijiet tas-SG&A, espressi bħala perċentwal tal-kost tal-oġġetti mibjugħin ("COGS", Cost of Goods Sold) u applikati għall-ispejjeż tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 15,4 %. Il-profitt, espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-ispejjeż tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 18,3 %.

### 3.6. Prezz tal-esportazzjoni

- (228) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew pagabbi għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħi għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

### 3.7. Tqabbil

- (229) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (230) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assurazzjoni, l-immaniġġjar u t-tagħbija, l-ispejjeż bankarji u l-ispejjeż tal-kreditu.

### 3.8. Marġnijiet tad-dumping

- (231) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott konċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku. Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.
- (232) Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fir-RPĊ, l-ewwel iddetermina l-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa kkalkulat bħala l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (233) Il-volumi tal-esportazzjoni ġew stabbiliti abbażi tad-data fil-formola tal-kampjunar kif irrapportata mill-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun, u data vverifikata fit-tweġġibet għall-kwestjonarju mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.
- (234) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ ma tqiesx għoli minħabba li l-esportazzjonijiet totali tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun, kienu jikkostitwixxu 74,9 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

- (235) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li huwa xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi kollha li ma kkooperawx abbażi tat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ rappreżentattivi tal-produttur esportatur inkluż fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping misjub. Il-marġnijiet tad-dumping proviżorju espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Baolingbao Biology Co., Ltd.	31,9 %
Dongxiao Biotechnology Co., Ltd.	76,9 %
Sanyuan Biotechnology Co., Ltd.	187,5 %
Kumpaniji oħra jn li kkooperaw	162,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	235,6 %

#### 4. DANNU

##### 4.1. Definizzjoni tal-industria tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (236) Il-prodott simili kien manifatturat minn produttur wieħed fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huwa jikkostitwixxi l-“industria tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (237) Peress li d-data relatata mal-valutazzjoni tad-dannu kienet derivata minn produttur wieħed biss tal-Unjoni, iċ-ċifri għall-analiżi tad-dannu jingħataw f'fır-xiet għal raġunijiet ta' kunkfidenzjalitā. Madankollu, l-indiċċijiet huma bbażati fuq data reali u mhux fuq il-fır-xiet.
- (238) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet ta' bejn 1 940 u 2 340 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra attwali fuq il-bażi ta' verifika tar-rapporti awditjati tal-uniku produttur magħruf tal-Unjoni, jiġifieri Jungbunzlauer S.A. Kif indikat fil-premessa (20), minħabba l-eżistenza ta' produttur tal-Unjoni magħruf wieħed biss, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tirrikorri għall-kampjunar.

##### 4.2. Konsum tal-Unjoni

- (239) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta': (i) il-bejgħ ivverifikat tal-uniku produttur magħruf tal-Unjoni; u (ii) l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha, b'mod partikolari l-Istati Uniti.
- (240) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

##### Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	[14 000 – 16 800]	[19 460 – 23 350]	[16 240-19 500]	[15 400- 18 480]
Indiċċi	100	139	116	110

Sors: tweġiba għall-kwestjonarju tal-produttur magħruf tal-Unjoni, informazzjoni pprovduha mill-ilmentatur

- (241) Abbażi ta' dan, wara tkabbir qawwi fl-2021 u tnaqqis sussegamenti li seta' ġie kkawżat mill-kumulazzjoni ta' riżerva minħabba l-biża' ta' nuqqas ta' provvista fil-kuntest tal-COVID-19 jew imgħiba mhux mistennija tal-konsumatur, il-konsum tal-Unjoni żidie b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.

#### 4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

##### 4.3.1. Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

- (242) Peress li l-erititol bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM "basket" 2905 49 00 għall-erititol fil-forma pura tiegħu u l-kodiċijiet NM 2106 90 92 u 2106 90 98 għall-prodotti mħallta, ma kienx possibbli li tiġi vvalutata l-istatistika tal-importazzjoni mill-Eurostat. Minflok, l-istatistika dwar l-importazzjoni kienet ibbażata fuq data ta' forniture speċjalizzati ta' informazzjoni dwar is-suq tal-istatistika kummerċjali Ċiniż u tal-Istati Uniti li għaliha l-ilmentatur għandu abbonament.
- (243) Is-sors tad-data li tikkonċerna l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setax jiġi żvelat fuq talba tal-fornitur tad-data. Madankollu, il-Kummissjoni kkontroverifikat id-data pprovduta mill-ilmentatur ma' sorsi statistiċi oħra disponibbli (l-Eurostat u Surveillance) u mat-tweġibiet għall-kampjunar u għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw.
- (244) Is-CCCMC affermat li l-uniku approċċi aċċettabbli għall-analiżi tal-Kummissjoni tad-data dwar l-importazzjoni (il-volum, il-valur) miċ-Ċina jkun dak ibbażat fuq l-istatistika uffiċjali tal-Eurostat b'diżzaggregazzjoni TARIC għall-kummerċ fl-erititol.
- (245) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-kodiċijiet TARIC għall-erititol inħolqu biss mid-data tal-bidu tal-proċediment. Konsegwentement, id-data tal-importazzjoni għall-perjodu kkunsidrat ma setgħetx tiġi dderivata mill-Eurostat, kif indikat fil-premessa (242). Għalhekk, l-affermazzjoni għiet miċħuda.
- (246) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi ġie stabbilit billi l-volumi tal-importazzjonijiet tqabblu mal-konsum fis-suq tal-Unjoni (ara t-Tabella 2 aktar 'il fuq).
- (247) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

*Tabella 3*

**Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjoni mir-RPĊ (tunnellati)	9 660	14 546	11 922	13 168
Indiċi	100	151	123	136
Sehem mis-suq (%)	[62 – 70]	[67-76]	[66-74]	[77-87]
Indiċi	100	108	106	124

Sors: Informazzjoni speċjalizzata dwar is-suq, Kampjunar u Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw

- (248) It-Tabella 3 turi li matul il-perjodu kkunsidrat l-importazzjoni mir-RPĊ żidiedu f'termini assoluti bi 3 508 tunnellati, jew 36 %. Dan issarra f'żieda ta' 17-il punt perċentwali fis-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni matul l-istess perjodu.

##### 4.3.2. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqiġi tal-prezz

- (249) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-informazzjoni speċjalizzata dwar is-suq indikata fil-premessa (242). It-twaqqiġi tal-prezz tal-importazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ fil-kampjun.
- (250) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 4

**Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ	1 856	2 453	1 938	1 572
Indiċi	100	132	104	85

Sors: Informazzjoni speċjalizzata dwar is-suq, Kampjunar u Tweġibet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw

- (251) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi l-ewwel żdied fl-2021, u laħaq EUR 2 453/tunnellata (minn EUR 1 856/tunnellata fl-2020) u mbagħad naqas għal EUR 1 938/tunnellata fl-2022 u iktar għal EUR 1 572/tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat, it-naqqis tal-prezz medju tal-unità tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien ta' 15 %. Il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina kien b'mod kostanti inqas mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, kif muri fit-Tabella 8.
- (252) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqiġi tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:
- il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produttur magħruf tal-Unjoni imposti fuq klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet mitluba mill-entità relatata, aġġustati għal livell ex works;
  - il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti abbażi ta' Kost, assigurazzjoni u merkanzija (CIF, Cost, insurance and freight), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.
- (253) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessità, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretku tal-produttur magħruf tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqiġi tal-prezz ta' bejn [40,0 % u 60,0 %] permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Instab twaqqiġi tal-prezz għal 100 % tal-volumi importati tal-kumpaniji fil-kampjun.
- (254) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll effetti oħra tal-prezzijiet, b'mod partikolari l-eżistenza ta' soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet. Kif issemmu fil-premessa (277), mill-2022 il-quddiem l-industrija tal-Unjoni rat tkabbir notevoli fil-kostijiet tagħha tal-produzzjoni ta' unità, xprunata kemm mill-kostijiet indiretti fuq bażi unitarja kif ukoll mill-prezzijiet tal-enerġija u l-materji primi. Minħabba li fl-istess perjodu l-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqas b'mod sinifikanti, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tħolli l-prezz tax-xiri tagħha biex tkopri l-kost tal-produzzjoni. Din is-soppressjoni fil-prezz tkompli tikkonferma li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ irriżultaw fi tnaqqis fil-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.
- (255) Fil-kummenti tagħha dwar id-dannu materjali, is-CCMC iddikjarat li s-suq tal-Unjoni huwa segmentat fżewġ partijiet distintivi, jiġifieri s-suq tal-eritritol għall-użu fil-produzzjoni tal-ikel u s-suq tal-eritritol għall-użu fil-produzzjoni tal-kożmetiċi u tal-farmaċewtika. Hija sostniet ukoll li l-industriji tal-Unjoni u tal-Istati Uniti għandhom aċċess esklużiv għas-segmenti kożmetiċi/farmaċewtiċi li jħallu l-aktar qligħ u li jenħtieġ li jiġu distinti u analizzati separatament u li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lill-industriji kożmetiċi/farmaċewtiċi għandu jitnaqqas mill-analiżi ġenerali tad-dannu.
- (256) L-investigazzjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni ma gawdet l-ebda esklussività fil-provvista lill-konsumaturi kożmetiċi u farmaċewtiċi. Kwalunkwe kumpanija li tixtieq tpoġġi sustanza fuq is-suq tal-UE tista' tissottometti reġistrazzjoni għal dik is-sustanza mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA", European Chemicals Agency).

- (257) L-investigazzjoni sabet ukoll li l-erititol għas-segment kożmetiku/farmaċewtiku huwa l-istess prodott bħal dak għas-segment tal-ikel, b'tal-ewwel bżonnjuż biss biex jgħaddi minn ġertu testijiet addizzjonali meta mqabbel ma' tal-aħħar. Jekk dawn it-testijiet addizzjonali isiru fuq erititol għall-użu alimentari, isir kompletament interkambjabbi mal-erititol ta' grad kożmetiku/farmaċewtiku. Jenħtieġ li wieħed jinnota wkoll li l-importanza tas-segment kożmetiku/farmaċewtiku huwa marġinali, u jammonta għal inqas minn 4 % tal-bejgħ fl-industrija tal-Unjoni, u inqas minn 1 % tal-konsum tal-Unjoni. Għaldaqstant, din it-talba kienet miċħuda.

#### **4.4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

##### **4.4.1. Rimarki ġenerali**

- (258) Fkonformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (259) Sabiex tiddetermina d-dannu, l-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi abbażi tad-data li tinsab fl-ilment u t-tweġiba għall-kwestjonarju tal-produttur magħruf tal-Unjoni. Peress li l-ebda produttur ieħor tal-Unjoni ma huwa magħruf mill-Kummissjoni, iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li kienu rappreżentativi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (260) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjieg, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.
- (261) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profitabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redittu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġgħid il-kapital.

##### **4.4.2. Indikaturi makroekonomiċi**

###### **4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità**

- (262) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 5*

###### **Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	[9 700 – 11 700]	[13 500 – 16 300]	[11 060-13 340]	[1 940 – 2 340]
Indiċi	100	139	114	20
Kapaċità ta' produzzjoni	[11 700 – 14 100]	[13 500 – 16 300]	[18 430 – 22 230]	[18 430 – 22 230]
Indiċi	100	116	160	160
Użu tal-kapaċità	83 %	100 %	60 %	10 %
Indiċi	100	120	75	12

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.

- (263) Matul il-perjodu kkunsidrat, minkejja żieda żgħira fil-konsum tal-Unjoni kif muri fit-Tabella 2, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod drammatiku. Għalkemm il-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet fl-2021, u baqgħet ukoll fl-2022 oħħla mil-livell tal-2020, imbagħad naqset għal 20 % biss tal-livell tal-2020 fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkompeti mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, li mill-2022 ġew bi prezziżiet sinifikament aktar baxxi mill-kost ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni għalhekk kellha taġġusta l-produzzjoni għal volum ta' bejgħ baxx ħafna, li rriżulta f'sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni.
- (264) Iċ-ċifri tal-kapaċità tal-produzzjoni rrapporati jirreferu għall-kapaċità installata, li żdiedet b' 60 % matul il-perjodu kkunsidrat. Din l-espansjoni riflektiet aspettattiva mill-industrija tal-Unjoni ta' tkabbir kontinwu fil-konsum tal-Unjoni, u l-produzzjoni b'kapaċità sħiħa fl-2021.
- (265) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-użu tal-kapaċità l-ewwel żdied fl-2021, u laħaq 100 % minħabba tkabbir qawwi fil-konsum tal-Unjoni, iżda mbagħad naqas drastikament biex laħaq biss 10 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dan kien xprunat minn sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

#### 4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

- (266) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 6*

#### **Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	[4 200 – 5 200]	[5 000-6 200]	[4 115 – 5 095]	[2 440-3 020]
Indiċi	100	119	98	58
Sehem mis-suq (%)	[28-36]	[24-31]	[24-31]	[15-20]
Indiċi	100	85	84	55

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.

- (267) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni l-ewwel kiber fl-2021, imbagħad reġa' lura fl-2022 għal livell komparabbi mal-2020. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-volum tal-bejgħ naqas b'mod sinifikanti, li jfisser tnaqqis totali ta' 42 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (268) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' konsum tal-Unjoni kien fuq xejra ta' tnaqqis kostanti, li aċċellerat fil-perjodu ta' investigazzjoni, u naqset b'45 % matul il-perjodu kkunsidrat.

#### 4.4.2.3. Tkabbir

- (269) Il-konsum tal-Unjoni żdied bi fit matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas drastikament. L-industrija tal-Unjoni għalhekk esperjenzat telf sinifikanti ta' 13-16-il punt perċentwali tas-sehem mis-suq. Fl-istess ħin, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdied bi 15-17-il punt perċentwali matul l-istess perjodu.

#### 4.4.2.4. Impiegħi u produttività

- (270) L-impiegħi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

**Impjegi u produttività**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Numru ta' impjegati (FTE)	[28-36]	[26-34]	[27-35]	[25-32]
Indiċi	100	94	98	88
Produttività (tunnella-ta/FTE)	[340-410]	[500-610]	[400-480]	[75-90]
Indiċi	100	149	117	22

Sors: Twiegħiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.

- (271) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjegi fl-Unjoni naqsu bi 12 %. Madankollu, jenħtieġ li wieħed jinnota li filwaqt li kważi ssospenda kompletament il-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni bħala riżultat ta' volum baxx ħafna ta' bejgħ ikkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-produttur magħruf tal-Unjoni ddeċieda li jżomm lill-impjegati temporanġament bħala riżervi minflok ma tahom is-sensja. Kieku l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas l-għadd ta' impjegati biex jirrifletti t-tnejx minn il-impjegi kien ikun ħafna akbar.
- (272) Il-produttività matul il-perjodu kkunsidrat issegwi sew ix-xejra osservata għall-produzzjoni: wara li kien hemm żieda fl-2021, kien hemm tnaqqis fl-2022, segwit minn kollass waqt il-perjodu ta' investigazzjoni. Id-deċiżjoni tal-produttur magħruf tal-Unjoni li ma jkeċċix lill-impjegati minkejja sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni thallim impatt fuq l-indikatur osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

#### 4.4.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

- (273) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm oħġla mil-livell de minimis. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.
- (274) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda data disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

#### 4.4.3. Indikaturi mikroekonomiċi

##### 4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettaw il-prezzijiet

- (275) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ tal-unitajiet tal-produtturi tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 8

**Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	[2 650-3 180]	[2 700-3 240]	[3 260-3 910]	[3 310-3 980]
Indiċi	100	102	123	125
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	[1 800-2 160]	[1 730-2 070]	[2 750-3 300]	[6 300-7 560]
Indiċi	100	96	153	350

Sors: Twiegħiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.

- (276) Il-prezzijiet tal-bejgħ kienu pjuttost stabbli bejn l-2020 u l-2021, raw żieda ta' madwar 20 % fl-2022 imbagħad reġgħu baqgħu pjuttost stabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbla mal-2022. Bl-eċċeżżjoni tal-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ baqgħu oħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat.
- (277) Il-kost unitarju tal-produzzjoni baqa' wkoll pjuttost stabbli bejn l-2020 u l-2021 iżda ħafna akbar (53 %) minn dik tal-prezzijiet tal-bejgħ. Ġiet osservata żieda oħra għolja ħafna fil-perjodu ta' investigazzjoni, li tirrifletti żieda kbira fil-kostijiet indiretti (kostijiet ġenerali tal-manifattura) fuq bażi unitarja wara d-deċiżjoni tal-produttur magħruf tal-Unjoni li jżomm lill-impiegati temporanjament bħala riżervi minflok jaġħi is-sensja meta kważi ssospenda kompletament il-produzzjoni, kif imsemmi fil-premessa (271). Xprunatur fundamentali ieħor taż-żieda fil-kost unitarju tal-produzzjoni fl-aħħar żewġ perjodi tal-perjodu kkunsidrat, kien żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima bħall-glukożju u s-sustanzi kimiċi.

#### 4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

- (278) Il-kostijiet lavorattivi tal-produttur magħruf tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 9*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impiegat**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impiegat (EUR)	[77 000-87 000]	[76 200-86 100]	[83 900-94 800]	[81 600-92 200]
Indiċi	100	99	109	106
Sors: Twiegħiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.				

- (279) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-paga medja għal kull impiegat żdiedet b'6 %. Iż-żieda kienet kemxejn aktar evidenti sal-2022, iżda fil-perjodu ta' investigazzjoni l-pagi naqsu bi ftit, preżumibbilment jirriflettu remunerazzjonijiet aktar baxxi fil-kuntest ta' produzzjoni kważi kompletament sospiża.

#### 4.4.3.3. Inventarji

- (280) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produttur magħruf tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 10*

**Inventarji**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-ġħeluq (tunnellati)	[970-1 170]	[1 300-1 570]	[1 700-2 050]	[850-1 030]
Indiċi	100	134	175	88
Stokkijiet tal-ġħeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	10-12	10-12	15-18	45-54
Indiċi	100	96	153	449
Sors: Twiegħiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.				

- (281) Il-livell tal-istokkijiet kien sostanzjalment ogħla fl-2021 (b'34 %) u fl-2022 (b'75 %) milli fl-2020. Kif imsemmi fil-premessa (263), il-produttur magħruf tal-Unjoni kważi ssospenda komplettament il-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni u pprovda l-volum baxx ħafna tal-bejgħ billi naqqas il-livelli tal-istokkijiet, li naqas bin-nofs meta mqabbel mal-2022, u laħaq livell ta' 12 % inqas minn dak fl-2020.

#### 4.4.3.4. Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

- (282) Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produttur magħruf tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti**

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profitabbilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[12-15]	[15-18]	[7-10]	[- 38 sa - 45]
<i>Indiċi</i>	100	120	64	- 304
Fluss tal-flus (EUR 000)	[9 500-10 000]	[9 800-10 300]	[2 300-2 600]	[- 4 100 għal - 4 600]
<i>Indiċi</i>	100	103	26	- 46
Investimenti (EUR 000)	[4 800-5 800]	[480-580]	[21 500-26 000]	[2 400-2 900]
<i>Indiċi</i>	100	10	449	51
Redditu fuq l-investimenti (%)	50-60	70-80	6-7	[- 30 sa - 35]
<i>Indiċi</i>	100	134	12	- 55

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.

- (283) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profitabbiltà tal-produttur magħruf tal-Unjoni billi esprimiet il-profit nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profitabbiltà kienet flivell b'saħħtu ħafna għall-ewwel sentejn tal-perjodu kkunsidrat, iżda naqset b'mod sinifikanti mill-2022, u nbidlet f'telf għoli ħafna fil-perjodu ta' investigazzjoni fid-dawl taż-żieda kontinwa fl-importazzjonijiet ogħġett ta' dumping u prezziżiet aktar baxxi, li wasslu għal telf ta' bejgħ u sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni.

- (284) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitàjet tagħihom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett segwiet xejra simili għal dik tal-profitabbiltà matul il-perjodu kkunsidrat, b'mod partikolari tnaqqis qawwi fl-2022 u valur negattiv sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni.

- (285) Filwaqt li l-investimenti naqsu fl-2021 mis-sena ta' qabel, il-konsum tal-Unjoni żdied b'39 % (ara t-Tabella 2). Dan it-tkabbir qawwi fid-domanda wassal lill-industrija tal-Unjoni biex tieħu deċiżjoni li tinvesti fl-espansjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni, li ssarrfet flivell għoli ħafna ta' investimenti fl-2022. Madankollu, saż-żmien meta l-kapaċità tal-produzzjoni estiża saret disponibbli, l-importazzjonijiet ogħġett ta' dumping kienu digħi bdew jaffettwaw b'mod negattiv il-bejgħ u l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li jfisser li dawk l-investimenti qatt ma bdew jintużaw bis-shiħi. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-investimenti reġa' naqas b'mod sinifikanti.

- (286) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt fperçental tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. B'mod konsistenti mal-profitabbiltà, kienet flivell b'saħħtu u bi trajettorja ta' tkabbir fl-2020 u fl-2021 iżda ħadet xejra 'l isfel drastika fl-2022 u laħqet livell negattiv sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (287) Il-kapaċità tal-produttur magħruf tal-Unjoni li jiġbor il-kapital kienet imxekkla ħafna peress li l-fluss tal-flus u l-profitabbiltà tiegħu laħqu livelli negattivi sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni wara sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni.

#### 4.4.4. Konklużjoni dwar id-dannu

- (288) L-industrija tal-Unjoni kellha prestazzjoni tajba ħafna fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, bl-indikaturi tad-dannu ġeneralment flivelli tajbin u fuq xejra 'l fuq matul l-2020 u l-2021. Hija gawdiet minn livell għoli ta' profitabbiltà fil-kuntest ta' domanda li kienet qiegħda tiżidied, li għaliha rrispondiet b'investimenti sinifikanti biex tespandi l-kapaċità tal-produzzjoni.
- (289) Madankollu, l-2022 rat detergorament qawwi tas-sitwazzjoni fis-suq għall-industrija tal-Unjoni, bi treggħiġi lura sinifikanti tax-xejra li qabel kienet pożittiva prattikament fl-indikaturi kollha tad-dannu. Dan it-treġġiġi lura kompla jaċċentwa fil-perjodu ta' investigazzjoni, meta diversi indikaturi tad-dannu (b'mod partikolari l-profitabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti) laħqu livelli negattivi sinifikanti.
- (290) L-industrija tal-Unjoni ffacċċat żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni li ma setgħetx tgħaddihom fil-forma ta' żidiet fil-prezzijiet minħabba t-twaqqiġi tal-prezz mill-importazzjonijiet mir-RPĊ. Bdiet titlef il-volumi tal-bejgħ lejn tmiem l-2022, li kien rifless ukoll f'telf tas-sehem mis-suq ta' 45 % matul il-perjodu kkunsidrat. B'reazzjoni, kellha tnaqqas u fl-aħħar mill-aħħar tissospendi kważi kompletament il-produzzjoni.
- (291) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kiber b' 36 % matul il-perjodu kkunsidrat, u kiseb 17 punti perçentali fis-sehem mis-suq. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ inizjalment żidie b' 32 % fl-2021, preżumibbilment xprunati minn konġestjonijiet fil-provvista u t-trasport matul u fiti wara l-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, fl-2022 il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ reġgħu lura għal livell qrib dak tal-2020, u komplew jonqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni għal livell ta' 15 % inqas milli fl-2020. Fid-dawl tal-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet Ċiniżi, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tbigħ aktar mill-kost tal-produzzjoni tagħha (li żidiet minħabba prezziżiet oħla tal-materja prima u tal-energijsa), li wassal għal telf u sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (292) L-uniċi indikaturi tad-dannu li ma rawx detergorament sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat huma l-kapaċità tal-produzzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-kostijiet lavorattivi. Madankollu, dan jirrifletti fatturi sottostanti li fil-fatt ikomplu jenfasizzaw l-istampa drammatika tad-dannu, b'mod partikolari t-testija tal-espansjoni tal-kapaċità li nbdiet qabel fmument meta l-produzzjoni kienet kważi kompletament sospiża, żieda sinifikanti fil-kost tal-produzzjoni u deċiżjoni li l-impiegati jinżammu temporanġament fuq bħala riżervi minnflok ma jingħataw is-sensja, rispettivament.
- (293) Fil-qosor, żieda ta' 36 % fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezziż li naqṣu bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat u waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni kkoinċidet mal-industrija tal-Unjoni li rat treggħiġi lura drammatiku tal-prestazzjoni tagħha fl-indikaturi tad-dannu, li wassal għal telf sinifikanti u sospensjoni kważi sħiħa tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (294) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. KAWŻALITÀ

- (295) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajnej l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u ż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u l-prezzijiet tal-energijsa.

### 5.1. Effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (296) Kif stabbilit fil-premessa (248), il-volum tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ ġdied b'36 %, li ssarraf f'żieda ta' 17-il punt perċentwali fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Matul l-istess perjodu, kif stabbilit fil-premessa (267) u (268), l-industrija tal-Unjoni rat il-volum tal-bejgħ tagħha jonqos bi 42 % u s-sehem mis-suq tagħha b'45 %. Dan seħħ fkuntest fejn il-konsum tal-Unjoni varja u ġdied b'mod ġenerali b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (297) Kif muri fil-premessa (253), l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u t-twaqqiġiż tal-prezz ġdied matul il-perjodu kkunsidrat, li wassal għal deteriorament dejjem akbar tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet Ċiniżi wkoll wasslu għas-sopprezzjoni fil-prezz waqt il-perjodu ta' investigazzjoni meta l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tbiegħ 'il fuq mill-kostijiet tagħha mingħabba l-pressjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (298) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet li kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-Unjoni, ikkawża d-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

### 5.2. Effetti ta' fatturi oħrajn

- (299) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħra, individwalment jew kollettivament, humiex kapaċi jnaqqsu r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li nstab proviżorjament li jeżisti fis-sens li tali rabta ma tibqaxx ġenwina u sostanzjali.

#### 5.2.1. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (300) L-uniku pajjiż terz ieħor li minnu l-prodott ikkonċernat huwa importat huwa l-Istati Uniti tal-Amerika (l-Istati Uniti). Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 12*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

Pajjiż		2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA	Volum (tunnel-lati)	[375-470]	[360-450]	[505-635]	[170-210]
	Indiċi	100	96	135	45
	Sehem mis-suq (%)	[3-4]	[2-3]	[4-5]	[1-2]
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	[2 600-3 100]	[3 460-4 120]	[3 900-4 650]	[3 460-4 120]
	Indiċi	100	133	150	133

Sors: Informazzjoni speċjalizzata dwar is-suq

- (301) Kif stabbilit fil-premessa (248), il-volum tal-importazzjoni mir-RPĊ ġdied b'36 %, matul il-perjodu kkunsidrat. B'kuntrast ma' dan, il-volum tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqas b'55 %, bis-sehem mis-suq tiegħu jilħaq biss 1 % sa 2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (302) Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti kienu oħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, u kienu wkoll kemxejn oħla mill-prezz tal-industrija tal-Unjoni.
- (303) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li minbarra l-fatt li dawn l-importazzjonijiet ma sarux bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-volumi tal-importazzjoni kienu tant baxxi li ma setgħix jikkontribwixxu għad-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

### 5.2.2. Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (304) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produttur magħruf tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 13

#### Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	[5 600-7 000]	[7 200-9 000]	[5 800-7 200]	[780-980]
Indiċi	100	129	103	14
Prezz medju (EUR/tunnel-lati)	[2 350-2 750]	[2 300-2 700]	[3 000-3 500]	[3 050-3 580]
Indiċi	100	98	128	130
Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' Jungbunzlauer S.A.				

- (305) Il-volum tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien oħla mill-bejħġ domestiku tagħha, u segwa xejra simili bħall-bejħġ tagħha fl-Unjoni, madankollu bi tnaqqis saħansitra aktar qawwi fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-Istati Uniti kienu bil-wisq l-iktar suq ta' esportazzjoni importanti tal-industrija tal-Unjoni, u r-raġuni ewlenija għat-taħbi fl-esportazzjonijiet kienet żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ lill-Istati Uniti. L-investigazzjoni sabet li l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn swieq ta' pajjiżi terzi, inkluż l-Istati Uniti, ukoll jinbiegħu għal inqas mill-valur normali. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkompeti ma' tali bejħġ fis-suq tal-Istati Uniti. Il-prezz medju tal-bejħġ għall-esportazzjonijiet segwa wkoll xejra simili għal dik tal-bejħġ domestiku, li żdied bħala riżultat ta' kost oħla tal-produzzjoni.
- (306) It-telf tal-volm tal-bejħġ tal-esportazzjonijiet kellu impatt negattiv fuq il-volum tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-produttur tal-Unjoni, u b'hekk ikkontribwixxa għal żieda sinifikanti fil-kostijiet fissi għal kull unità prodotta. Kif spiegat fil-premessa (324), dan ittieħed in konsiderazzjoni fl-istabbiliment tal-prezz fil-mira u għalhekk il-marġni tad-dannu.
- (307) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma naqqitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u d-dannu materjali li nstab.

### 5.2.3. Iż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u tal-prezzijiet tal-enerġija

- (308) Is-CCCMC affermat li l-prezzijiet anormali għoljin tal-enerġija fl-UE u t-tfixkil fil-provvisti tal-qamħirrum bi prezzijiet kompetittivi mill-Ukrajna kieno żewġ fatturi li kellhom effett fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (309) Kif stabbilit fil-premessa (277), il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied minħabba żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima bħall-glikożu u s-sustanzi kimiċi. Sal-2022 l-industrija tal-Unjoni setgħet sa ġertu punt iż-żid il-prezzijiet tagħha b'reazzjoni għaż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba t-naqqis fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, kif stabbilit fil-premessa (248), dan ma kienx għadu possibbli. F'dak il-kuntest, sabiex tibqa' tbigħ, l-industrija tal-Unjoni kien ikollha tbaxxi l-prezzijiet tal-bejħġ tagħha għal taħt il-kost tal-produzzjoni. Għalhekk, iż-żieda fil-kost ma taffietx il-kawżalitā.

### 5.2.4. Fatturi oħrajan

- (310) Is-CCCMC iddiċċi kieno żewġ fatturi li jkunu żewġ fatturi li għandhom jiġu evalwati fl-analiżi tal-kawżalitā tal-proċedimenti.

<sup>(99)</sup> Witkowski, M., Nemet, I., Alamri, H. et al. The artificial sweetener erythritol and cardiovascular event risk. Nat Med 29, 710–718 (2023). <https://doi.org/10.1038/s41591-023-02223-9>.

- (311) Il-fatturi proposti ssuġġeriti mis-CCCMC kieni jkunu rilevanti jekk jirriżultaw fi tnaqqis fid-domanda għall-prodott li qed jiġi investigat. Madankollu, kif muri fit-Tabella 2, id-domanda żidet matul il-perjodu kkunsidrat u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni oħra li dawn iż-żewġ fatturi kieni qed ikollhom xi effett negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (312) Kif stabbilit fil-premessi (289) u (290), mill-2022 'il quddiem, l-industrija tal-Unjoni rat treġgīgh lura drammatiku tal-prestazzjoni tajba tagħha aktar kmieni, kif muri prattikament fl-indikaturi kollha tad-dannu, li komplew jaċċentwaw fil-perjodu ta' investigazzjoni, meta diversi indikaturi tad-dannu (b'mod partikolari l-profitabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti) laħqu livelli negattivi sinifikanti.
- (313) Dan ġabat ma' żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezziżiet li naqsu b'20 % matul il-perjodu kkunsidrat u waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni. L-importazzjonijiet Ċiniżi wkoll wettqu soppressjoni tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni waqt il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (314) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-effett ta' dawn il-fatturi fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' madankollu kien limitat biss, jekk kien hemm.
- (315) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa b'mod individwali jew b'mod kollettiv, ma naqqsxu ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu jikkonsisti b'mod partikolari fi tnaqqis fil-bejgħ, il-profitti, il-produzzjoni, is-sehem mis-suq, il-produttività, ir-redditu fuq l-investimenti u l-użu tal-kapaċċità.

## 6. LIVELL TAL-MIŻURI

- (316) F'dan il-każ, l-ilmentatur iddiċċjara l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.
- (317) Għalhekk, biex twettaq il-valutazzjoni fuq il-livell xieraq ta' miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliert l-ammont ta' dazju neċċesarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.
- (318) Imbagħad eżaminat jekk il-marġni tad-dumping tal-produtturi esportaturi fil-kampjun ikunx ogħla mill-marġni tad-dannu tagħhom.

### 6.1. Marġni tad-dannu

- (319) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profit fil-mira billi tbigħi bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikolu 7(2c) u l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku.
- (320) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profit fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profitabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-livell ta' profitabilità meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profitabilità li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Dan il-marġni ta' profit jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 6 %.
- (321) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliert profit bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kombinament tal-profit tas-snin 2020 u 2021 ikun il-profit fil-mira l-iktar xieraq, minħabba l-fatt li l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat kien għad ma kellux impatt, fuq il-profitabilità tal-industrija tal-UE. Dan il-marġni ta' profit għie stabbilit għal 15,5 %.

- (322) L-industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza li l-livell tagħha ta' investimenti, riċerka u żvilupp (R&Z) u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kien ikun ogħla fkundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni billi qabblitha mal-kontijiet ippubblikati ta' kumpanija fl-istess segment, jiġifieri l-produzzjoni tal-aċċidu lattiku miz-zokkor iffermentat. Tabilħaqq, l-affermazzjonijiet tal-industrija tal-UE nstabu li kienu ġġustifikati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Z u tal-innovazzjoni ("IRI") fkundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovdu mill-industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni u l-ispejjeż reali tal-IRI matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din id-differenza, espressa bħala perċentwal tal-fatturat, kienet ta' 0,53 %.
- (323) Tali perċentwal ta' 0,53 % żdied mal-marġni tal-profitt bażiku ta' 15,5 % imsemmi fil-premessa (321), li wassal għal profit fil-mira ta' 16,03 %.
- (324) Il-produttur tal-Unjoni ma pproduċiex kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-kostijiet tal-produzzjoni ma kinux ikkunsidrati xierqa għall-finijiet tal-istabbiliment tal-prezz fil-mira. Dawn il-kostijiet ġew affettwati b'żieda sinifikanti fil-kostijiet fissi unitarji kkawżati mit-telf fil-volum tal-bejgħ (kemm fuq is-swieq domestiċi u dawk tal-esportazzjoni) li ssarfu f'telf tal-volum tal-produzzjoni. Peress li l-bejgħ ta' dan il-produttur kien fil-biċċa l-kbira magħmul minn ħażniet prodotti fl-2022, il-kost tal-produzzjoni ta' dik is-sena (aġġustat għall-indiċi tal-inflazzjoni ta' Settembru 2023 għal Franz) <sup>(100)</sup>, tqies xieraq għal din l-investigazzjoni.
- (325) Fuq din il-bażi, il-prezz medju ponderat mhux dannuż huwa fil-medda ta' EUR 3 200 sa EUR 3 700 għal kull tunnellata, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġni ta' profit imsemmi hawn fuq ta' 16,03 % għall-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-uniku produttur tal-Unjoni.
- (326) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilateral, u l-protokoll tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzionijiet tal-ILO elenkti fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2).
- (327) Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliert kost futur addizzjonali fil-medda ta' EUR 30 sa EUR 35 għal kull tunnellata. Din id-differenza ġiet miżjudha mal-prezz mhux dannuż imsemmi fil-premessa (325).
- (328) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz medju ponderat mhux dannuż fil-medda ta' EUR 3 230 sa EUR 3 735 għal kull tunnellata għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profit fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa (323)) għall-kost tal-produzzjoni tal-uniku produttur tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d).
- (329) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, ir-RPĊ, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqiġi tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħi mill-produttur tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-taqabil għiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.
- (330) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħra li kkooperaw" u għall-"*"kumpaniji l-oħrajn kollha"* huwa ddefinit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara t-Taqsima 3.3 hawn fuq).

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)
Baolingbao Biology Co. Ltd	31,9	86,8
Dongxiao Biotechnology Co. Ltd	76,9	169,2
Sanyuan Biotechnology Co. Ltd	187,5	156,7
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	162,0	152,9
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li jorigiaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	235,6	316,3

<sup>(100)</sup> 9d885442-f323-cdde-e149-17ed99a63a6f (europa.eu)

## 6.2. Konklużjoni dwar il-livell tal-miżuri proviżorji

- (331) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji proviżorji anti-dumping jenħtieġ li jkunu kif elenkat hawn isfel fkonformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju
Baolingbao Biology Co., Ltd.	31,9 %
Dongxiao Biotechnology Co., Ltd.	76,9 %
Sanyuan Biotechnology Co., Ltd.	156,7 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	152,9 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	235,6 %

## 7. INTERESS TAL-UNJONI

- (332) Wara li ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, fkonformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.
- (333) Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

### 7.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

- (334) L-uniku produttur tal-erititol fl-Unjoni ressaq l-ilment (ara l-premessa (2)), ikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni u esprima l-interess tiegħu għall-impożizzjoni tal-miżuri.
- (335) L-investigazzjoni wriet li l-produttur tal-Unjoni qed isofri dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat. Dawn l-importazzjonijiet waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-produttur tal-Unjoni, fi kwalunkwe każ, eżerċitaw trażżin sinifikanti tal-prezzijiet kif muri mill-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz li nstabu, u kkawżaw telf sinifikanti fis-sehem mis-suq u l-profitti lejn tmiem il-perjodu kkunsidrat, u matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kif elaborat fil-premessi (258) sa (315) hawn fuq.
- (336) L-impożizzjoni ta' miżuri x'aktarx tipprevjeni żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezziżiet baxxi ħafna. Mingħajr miżuri, il-produtturi Ċiniżi se jkomplu jagħmlu dumping tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni filwaqt li jipprevvjenu lill-industrija tal-Unjoni milli terġa' tibda l-produzzjoni sħiħa, milli tbigħ bi prezz adegwaw u milli tiġġenera profit suffiċjenti u b'hekk tikkawża aktar dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.
- (337) Għalhekk ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri kontra r-RPĊ tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.2. Interess ta' importaturi mhux relatati

- (338) Il-Kummissjoni ma rċevietx tweġibiet mill-importaturi tal-Unjoni bil-kwestjonarju ddedikat.
- (339) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa improbabbli li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-erititol li joriġina mir-RPĊ sejkollha impatt permanenti fuq il-profitabbiltà tal-importaturi.

### 7.3. Interess tal-utenti

- (340) Żewġ utenti ppreżentaw irwieħhom fl-investigazzjoni u pprovdex tweġiba għall-kwestjonarju.

- (341) Madankollu, fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħhom dwar l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping u dwar jekk kwalunkwe żieda fil-prezz tal-erititol setgħetx tiġi mgħoddija lill-klijenti tagħhom, l-utenti pprovdex biss kummenti fil-verżjoni kunfidenzjali tat-tweġibet tagħhom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tesprimi l-valutazzjoni ddettaljata tagħha ta' dawn il-pożizzjonijiet.
- (342) Għall-utenti inkwistjoni, l-importazzjonijiet tal-erititol mir-RPĊ jirrappreżentaw fil-valur minn 3 % sa 11 % meta mqabbla mal-ispiża globali tagħhom tal-oġġetti mibjugħha. Għal tipi oħra ta' utenti l-perċentwal ikun aktar baxx. Jenħtieġ li jiġi nnutat ukoll li l-2021 kienet sena rekord fl-Unjoni kemm għall-konsum tal-erititol kif ukoll għall-importazzjonijiet mir-RPĊ f'termini assoluti, minkejja l-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ kienu 56 % oħla milli fil-perjodu ta' investigazzjoni (ara t-Tabella 4). Għalhekk, prezziżiet oħla ma skorägħewx lill-utenti jew lill-konsumaturi finali milli jikkunsmaw l-erititol.
- (343) Għalhekk, il-miżuri li jistabbilixxu mill-ġdid kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni ma jkunux mistennija li jkollhom impatt negativ sinifikanti fuq l-utenti jew il-konsumaturi. Huwa misħum li l-utenti inkwistjoni ma jopponux tali miżuri maħsuba biex jerġgħu jistabbilixxu kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Unjoni u l-produtturi ta' pajjiżi terzi.
- (344) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa proviżorjament konkluż li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura anti-dumping x'aktarx li ma taffettwax serjament is-sitwazzjoni tal-utenti.

#### 7.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (345) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-erititol li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

### 8. MIŻURI ANTI-DUMPING PROVIŻORJI

- (346) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżjalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi imposti miżuri proviżorji biex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (347) Jenħtieġ li jiġi imposti miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-erititol li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell xieraq biex jitneħħa d-dannu jenħtieġ li jkun il-marġni tad-dumping.
- (348) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Rata proviżorja tad-dazju anti-dumping (%)
Baolingbao Biology Co., Ltd.	31,9
Dongxiao Biotechnology Co., Ltd.	76,9
Sanyuan Biotechnology Co., Ltd.	156,7
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	152,9
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	235,6

- (349) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma eskużiżiż applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija.

- (350) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod spċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament jew fl-anness, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk spċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-“importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina”. Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.
- (351) Biex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri spċċali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpanniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għal “L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina”.
- (352) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu l-verifikasi tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każjiet l-oħra kollha, jitkolu dokumenti addizzjonal (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuaratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżgħuraw li l-applikazzjoni sussegamenti tar-rata tad-dazju tkun għustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.
- (353) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiż-diedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fil-mudell tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tnejħiha ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegamenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

## 9. REĠISTRAZZJONI

- (354) Kif imsemmi fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bil-għan li possibbilm jingħabru d-dazji b'mod retroattiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.
- (355) Fid-dawl tas-sejbiet fl-istadju proviżorju, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ma titkompliex.
- (356) F'dan l-istadju tal-proċediment ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' miżuri anti-dumping.

## 10. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORU

- (357) F'konformità mal-Artikolu 19(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmulu disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DG KUMMER. Il-partijiet interessati ngħataw 3 ijiem tax-xogħol biex jipprovd kummenti dwar l-akkuaratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod spċifiku lilhom.
- (358) Waslu kummenti mingħand l-ilmentatur u mingħand produttur esportatur wieħed. Il-kummenti tal-ilmentatur ma kinu relatati mal-preċiżjoni tal-kalkoli. Il-produttur esportatur argumenta li sar żball klerikali meta ġie aġġustat il-valur normali għad-differenzi fit-tassazzjoni indiretta. Abbażi ta' dan il-kumment, il-Kummissjoni kkoreġiet żabalji klerikali fil-kalkoli tal-marġnijiet tad-dumping għat-ghaqqa tħalli kollha fil-kampjun.

## 11. DISPOŻIZZJONI FINALI

- (359) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jissottomettu kummenti bil-miktub u/jew jitkolu seduta mal-Kummissjoni fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

- (360) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definitiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' erititol, fil-forma pura tiegħu jew li jinsab f'tahlitet li fihom inqas minn 10 % ta' prodotti oħra bil-piż, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2905 49 00 għall-erititol fil-forma pura tiegħu u l-kodiċijiet NM ex 2106 90 92 u ex 2106 90 98 għall-prodotti mħallta (il-kodiċijiet TARIC 2905 49 00 15, 2106 90 92 65, u 2106 90 98 15), u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskrift fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkti hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Rata proviżorja tad-dazju anti-dumping (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Baolingbao Biology Co., Ltd.	31,9	89BG
Dongxiao Biotechnology Co., Ltd.	76,9	89BH
Sanyuan Biotechnology Co., Ltd.	156,7	89BI
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkti fl-Anness	152,9	
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	235,6	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali spċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi preżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskrift, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura għie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

### Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jissottomettu l-kummenti bil-miktub tagħħom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Ufficijal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Ufficijal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet sottomessi barra minn dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn it-talbiet, jekk ikun xieraq.

*Artikolu 3*

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1608.
2. Id-data miġbura fir-rigward ta' prodotti li däħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definitivi possibbli, jew sakemm jintemmin dan il-proċediment.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 1 għandu jaapplika għal perjodu ta' 6 xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

## ANNESS

**PRODUTTURI ESPORTATURI LI KKOOPERAW FIR-RPĊ MHUX INKLUŻI FIL-KAMPJUN**

Isem	Kodiċi addizzjonal TARIC
Shandong Xiangchi Jianyuan Bio-Tech Co., Ltd.	89BJ
Yusweet Co., Ltd.	89BK